Kunsill
tal-Unjoni Ewropea

**Brussell, 24 ta' Novembru 2017**
**(OR. en)**

**14884/17**

**Fajl Interistituzzjonali:**
**2017/0309 (COD)**

**PROCIV 112**
**JAI 1105**
**COHAFA 98**
**FIN 755**
**CODEC 1909**

**PROPOSTA**

| | |
|---|---|
| minn: | Segretarju Ġenerali tal-Kummissjoni Ewropea,<br>iffirmat mis-Sur Jordi AYET PUIGARNAU, Direttur |
| data meta waslet: | 23 ta' Novembru 2017 |
| lil: | Is-Sur Jeppe TRANHOLM-MIKKELSEN, Segretarju Ġenerali tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea |
| Nru dok. Cion: | COM(2017) 772 final |
| Suġġett: | Proposta għal DEĊIŻJONI TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL li temenda d-Deċiżjoni Nru 1313/2013/UE dwar Mekkaniżmu tal-Unjoni għall-Protezzjoni Ċivili |

Id-delegazzjonijiet għandhom isibu mehmuż id-dokument COM(2017) 772 final.

---

Mehmuż: COM(2017) 772 final

IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Brussell, 23.11.2017
COM(2017) 772 final

2017/0309 (COD)

Proposta għal

**DEĊIŻJONI TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL**

**li temenda d-Deċiżjoni Nru 1313/2013/UE dwar Mekkaniżmu tal-Unjoni għall-Protezzjoni Ċivili**

## MEMORANDUM TA' SPJEGAZZJONI

## 1. IL-KUNTEST TAL-PROPOSTA

### • Ir-raġunijiet għall-proposta u l-objettivi tagħha

Il-proposta hija maħsuba biex tintroduċi xi bidliet speċifiċi fid-Deċiżjoni tal-Kunsill Nru 1313/2013/UE ("id-Deċiżjoni") dwar Mekkaniżmu tal-Unjoni għall-Protezzjoni Ċivili ("il-Mekkaniżmu tal-Unjoni"), li taħtu, l-Unjoni Ewropea tappoġġa, tikkoordina u tissupplimenta l-azzjoni tal-Istati Membri fil-qasam tal-protezzjoni ċivili għall-prevenzjoni, it-tħejjija u r-reazzjoni għad-diżastri naturali u dawk ikkawżati mill-bniedem fl-Unjoni Ewropea u barra minnha. Filwaqt li tibni fuq il-prinċipji tas-solidarjetà u r-responsabbiltà kondiviża, l-objettiv kumplessiv ta' din il-proposta huwa li tiżgura li l-Unjoni tkun tista' tipprovdi appoġġ aħjar f'każ ta' kriżi u ta' emerġenza liċ-ċittadini tagħha fl-Ewropa u barra minnha. Il-proposta tirrikonoxxi li l-isforzi ta' prevenzjoni tad-diżastri huma kruċjali biex tiġi limitata l-ħtieġa għall-appoġġ f'każ ta' kriżi u ta' emerġenza.

Skont l-Evalwazzjoni *Interim* tal-UCPM[1], imwettqa reċentement, u prevista fl-Artikolu 34 tad-Deċiżjoni Nru 1313/2013/UE, u valutazzjonijiet tal-prestazzjoni oħra bħall-"Analiżi tal-Qorti tal-Awdituri Ewropea tal-UCPM"[2], il-Mekkaniżmu tal-Unjoni wera li hu għodda utli għall-mobilizzazzjoni u l-koordinazzjoni tal-assistenza pprovduta mill-Istati Parteċipanti li jirrispondu għall-kriżijiet fl-Unjoni u barra minnha, u b'hekk jikkostitwixxi prova tanġibbli tas-solidarjetà Ewropea. Madanakollu, xi konklużjonijiet misluta minn dawn id-dokumenti u evidenza addizzjonali wasslu għall-identifikazzjoni ta' ċerti oqsma fejn il-bidla leġiżlattiva hija ġġustifikata. F'dan ir-rigward, l-esperjenza operazzjonali kienet konsiderazzjoni ewlenija, li tirrappreżenta fattur ewlieni li jwassal għal din l-inizjattiva, peress li enfasizzat fuq il-limitazzjonijiet tal-qafas attwali.

Sa mill-2013 l-Unjoni kellha tħabbat wiċċha ma' għadd kbir ta' diżastri bit-telf traġiku ta' ħajjiet u konsegwenzi oħra ta' ħsara għaċ-ċittadini, in-negozji, il-komunitajiet u l-ambjent. B'mod iżjed konkret, ir-rispons għal għadd ta' diżastri riċenti, inkluż l-impatt umanitarju tal-kriżi tar-refuġjati u tal-migrazzjoni, in-nuqqas ta' assi disponibbli matul l-istaġuni tan-nirien tal-foresti tal-2016 u l-2017, meta dawn tal-aħħar kienu partikolarment twal u intensi u wasslu biex 'il fuq minn 100 persuna tilfu ħajjithom, kif ukoll l-impatt kbir ta' serje ta' uragani fil-Karibew u maltempati feroċi u l-għargħar fl-UE, kienu jikkostitwixxu test tal-istress veru għall-UCPM. Dan kien partikolarment evidenti matul l-emerġenzi fuq skala kbira li affettwaw lil diversi Stati Membri fl-istess żmien. F'tali ċirkostanzi, in-natura volontarja tal-kontribuzzjonijiet tal-Istati Membri biex jirrispondu għad-diżastri ta' spiss ma kinitx biżżejjed, u n-nuqqasijiet eżistenti f'ċerti kapaċitajiet ta' rispons kritiku, kif spjegat fir-Rapport dwar in-Nuqqasijiet fil-Kapaċità ippubblikat fil-bidu tal-2017[3], issa saru evidenti sew. F'dan il-kuntest, l-aktar eżempji impressjonanti huma l-inabilità tal-kapaċità kollettiva tal-UE li tirrispondi għal kull waħda mis-17-il talba għall-assistenza f'każ ta' nirien f'foresti,

---

[1] ICF, "Evalwazzjoni *Interim* tal-Mekkaniżmu tal-Unjoni għall-Protezzjoni Ċivili 2014-2016", Rapport Finali, Awwissu 2017 (minn issa 'l quddiem: l-Evalwazzjoni Interim). Ir-rapport finali tal-Evalwazzjoni *Interim* jinsab hawnhekk: https://publications.europa.eu/en/publication-detail/-/publication/eb41bfee-78c3-11e7-b2f2-01aa75ed71a1/language-en/format-PDF

[2] Il-Qorti Ewropea tal-Awdituri, Rapport Speċjali (2016), Il-Mekkaniżmu tal-Unjoni għall-Protezzjoni Ċivili: il-koordinazzjoni tar-rispons għal diżastri li seħħew barra mit-territorju tal-UE kienet effettiva, f'termini ġenerali. Disponibbli fuq: http://www.eca.europa.eu/Lists/ECADocuments/SR16_33/SR_DISASTER_RESPONSE_EN.pdf

[3] Rapport mill-Kummissjoni u l-Parlament Ewropew u l-Kunsill dwar il-progress li sar u n-nuqqasijiet li fadal fil-Kapaċità Ewropea għal Rispons f'każ ta' Emerġenza, 17.2.2017.

li minnhom 10 biss setgħu jiġu ssodisfati, u li anke minn dawn kien hemm uħud li sofrew minn dewmien li naqqas il-puntwalità tar-rispons.

Meta wieħed iqis dan il-kuntest, jidher li hemm raġunijiet b'saħħithom għaliex għandu jsir eżami speċifiku tal-leġiżlazzjoni tal-UCPM attwali sabiex jiġu indirizzati l-isfidi ewlenin li l-Mekkaniżmu tal-Unjoni qed iħabbat wiċċu magħhom illum il-ġurnata. F'termini konkreti, il-bidliet f'din il-proposta għandhom l-għan li jintlaħqu l-objettivi li ġejjin:

a) Li tissaħħaħ l-effettività tal-azzjoni preventiva bħala parti miċ-ċiklu ta' ġestjoni tar-riskju ta' diżastri, kif ukoll ir-rinfurzar ta' rabtiet ma' politiki oħra ewlenin tal-UE marbuta mal-qasam tal-prevenzjoni tad-diżastri u r-rispons għal diżastri;

b) Li tiġi rinfurzata l-abbiltà kollettiva tal-Unjoni u tal-Istati Membri li jirrispondu għal diżastri, u li jiġu indirizzati n-nuqqasijiet fil-kapaċità rikorrenti u emerġenti, speċjalment bil-ħolqien ta' riżerva ddedikata ta' kapaċitajiet ta' rispons fil-livell tal-Unjoni, bid-deċiżjonijiet dwar l-istazzjonar jittieħdu mill-Kummissjoni, li tibqa' responsabbli mill-kmand u l-kontroll (se tkun magħrufa bħala rescEU). Ir-rescEU se tkun mgħammra b'kapaċitajiet ta' emerġenza magħżula bħala rispons għal nirien fil-foresti, għargħar, terremoti u emerġenzi tas-saħħa kif xieraq. Wara diskussjoni mal-Istati Membri, jeħtieġ ukoll li jkun previst sptar fuq il-post li jista' jiġi mobilizzat fl-Unjoni jew barra minnha bħala parti mill-Korp Mediku Ewropew, għal każijiet ta' epidemiji bħall-Ebola u z-Zika. Barra minn hekk, l-Ewropa ntlaqtet minn ħafna attakki terroristiċi. Li tali kapaċitajiet isiru disponibbli fil-livell tal-UE jgħin ukoll biex jiġu ġġenerati ekonomiji ta' skala u biex jitnaqqsu l-ispejjeż tal-akkwist tal-istess kapaċitajiet fuq livell individwali;

c) Li jiġi żgurat li l-Mekkaniżmu tal-Unjoni jkun wieħed ħafif u effettiv fil-proċeduri amministrattivi tiegħu bħala appoġġ għal operazzjonijiet ta' emerġenza.

Il-ħtieġa li l-Protezzjoni Ċivili Ewropea tissaħħaħ fid-dawl tax-xejriet ta' diżastri, inkluż it-temp estrem, u fl-isfond ta' tħassib dwar is-sigurtà interna, ġiet rikonoxxuta sew. Din il-proposta hija bbażata fuq analiżi riċenti ulterjuri u riflessjonijiet mill-qrib fuq in-nuqqasijiet identifikati, li twettqu flimkien mal-Awtoritajiet tal-Protezzjoni Ċivili responsabbli.

- **Il-konsistenza mad-dispożizzjonijiet ta' politika eżistenti fil-qasam ta' politika**

Din il-proposta tikkontribwixxi għal waħda mill-għaxar prijoritajiet politiċi stabbiliti mill-Kummissjoni għall-perjodu bejn l-2015 u l-2019, jiġifieri għall-ksib ta' "Żona ta' Ġustizzja u Drittijiet Fundamentali Bbażata fuq il-Fiduċja Reċiproka". Il-fiduċja reċiproka hija mnaqqxa fil-prinċipju tas-solidarjetà, li jirfed id-Deċiżjoni Nru 1313/2013/UE, u taħt din il-proposta se tiġi msaħħa, flimkien mal-prinċipji tar-responsabbiltà u l-akkontabbiltà kondiviża.

Il-bidliet proposti huma kompletament konsistenti mal-objettiv usa' tal-ħidma lejn "Ewropa li tipproteġi", li ggwida l-isforzi tal-Kummissjoni matul l-aħħar snin, u se jkompli jagħmel dan fis-snin li ġejjin. Din il-proposta tibni fuq ir-riżultati pożittivi li pproduċa l-qafas s'issa, u għandha l-għan li tikkoreġi n-nuqqasijiet b'dispożizzjonijiet rinfurzati sabiex tkompli tappoġġa, tikkoordina u tikkumplimenta l-azzjoni tal-Istati Membri f'dan il-qasam.

- **Il-konsistenza ma' politiki oħrajn tal-Unjoni**

L-azzjonijiet previsti taħt l-UCPM rivedut huma konformi mal-objettiv globali tal-Unjoni biex jiġi żgurat li l-politiki u l-istrumenti kollha rilevanti tal-UE jikkontribwixxu għar-rinfurzar tal-kapaċitajiet tal-Unjoni f'termini ta' ġestjoni tar-riskju ta' diżastri, mill-prevenzjoni ta' diżastri, għat-tħejjija u r-rispons għal diżastri u l-irkupru minnhom. Huma

jirriflettu wkoll l-objettiv stipulat fl-Artikolu 3(3) tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea dwar l-appoġġ tas-solidarjetà fost l-Istati Membri.

Qed tingħata attenzjoni speċjali b'mod partikolari biex tiġi żgurata l-koordinazzjoni mill-qrib u l-konsistenza ma' azzjonijiet imwettqa taħt politiki oħra tal-UE, bħall-adattament għat-tibdil fil-klima, u strumenti li jaġixxu fil-qasam tal-prevenzjoni tad-diżastri u t-tnaqqis tar-riskju ta' diżastri, bħall-koeżjoni, l-iżvilupp rurali, ir-riċerka, is-saħħa, kif ukoll il-migrazzjoni u l-politiki ta' sigurtà. Bl-istess mod, il-proposta tfittex li tistabbilixxi sinerġiji aktar b'saħħithom mal-politika tal-għajnuna umanitarja, b'mod partikolari bħala rispons għall-emerġenzi barra mill-Unjoni.

Bħalissa ma hemm l-ebda att leġiżlattiv taħt politiki oħra tal-Unjoni li jista' jikseb l-objettivi li qed tfittex li tilħaq din il-proposta. B'hekk ma jeħtieġ li jkun hemm ebda duplikazzjoni ta' azzjonijiet fil-qasam.

## 2. BAŻI ĠURIDIKA, SUSSIDJARJETÀ U PROPORZJONALITÀ

### • Bażi ġuridika

Il-bażi ġuridika għal din il-proposta hija l-Artikolu 196 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea.

### • Is-sussidjarjetà (għall-kompetenzi mhux esklużivi)

L-objettivi tal-proposta ma jistgħux jintlaħqu biżżejjed mill-Istati Membri meta dawn jaġixxu waħedhom. Il-Mekkaniżmu tal-Unjoni għall-Protezzjoni Ċivili ġie stabbilit minħabba li diżastri kbar jistgħu jissuperaw il-kapaċitajiet ta' rispons ta' kwalunkwe Stat Membru li jaġixxi waħdu. L-għoti ta' assistenza reċiproka rapida u kkoordinata tajjeb fost l-Istati Membri jinsab fil-qalba tiegħu.

Minbarra emendi biex jiġu żgurati l-koerenza u s-simplifikazzjoni, din il-proposta tipprevedi wkoll possibbiltajiet addizzjonali għar-rinfurzar tal-kapaċità kollettiva fir-rigward tat-tħejjija u r-rispons għad-diżastri. Dan huwa partikolarment sinifikanti f'każ ta' diżastru, jew diversi diżastri, b'impatti wiesgħa li jistgħu jissuperaw il-kapaċitajiet ta' għadd kbir ta' Stati Membri fl-istess ħin u li jistgħu jimmobilizzaw l-assistenza reċiproka fosthom. Dan huwa wkoll il-każ għal kapaċitajiet li jkunu meħtieġa f'każ ta' xenarju ta' diżastru ewlieni ta' probabbiltà baxxa iżda li jkollu impatt qawwi. F'każijiet bħal dawn huwa ċar li l-Istati Membri ma jistgħux jiżguraw biżżejjed rispons weħidhom, u b'hekk huwa meħtieġ l-appoġġ tal-UE biex jappoġġa u jikkumplimenta l-azzjoni tal-Istati Membri f'konformità mal-Artikolu 196 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea.

Billi tqis il-benefiċċji f'termini ta' tnaqqis tat-telf ta' ħajja umana, ta' ħsara ambjentali, ekonomika u materjali, il-proposta twassal għal valur miżjud ċar tal-UE.

### • Proporzjonalità

Il-proposta ma tmurx lil hinn minn dak li huwa meħtieġ sabiex jintlaħqu l-objettivi. Hija tindirizza n-nuqqasijiet li ġew identifikati matul l-evalwazzjoni *interim* u permezz ta' dokumenti riċenti oħra li jivvalutaw ir-rapport speċjali dwar il-prestazzjoni tal-UCPM[4], (il-Qorti Ewropea tal-Awdituri (il-QEA), ir-Rapport tal-Kummissjoni dwar il-progress li sar u n-

---

4 Ara n-nota f'qiegħ il-paġna Nru 2.

nuqqasijiet li fadal fl-EERC[5] - li ssemma qabel, u l-Ħarsa Ġenerali lejn r-Riskju fl-UE[6]) u tipproponi soluzzjoni konformi mal-mandat mogħti mill-Kunsill u mill-Parlament Ewropew.

Il-piż amministrattiv għall-Unjoni u għall-Istati Membri huwa limitat u ma jmurx lil hinn minn dak li hu meħtieġ biex jinkisbu l-objettivi tal-proposta. Barra minn hekk, is-simplifikazzjoni ta' ċerti rati ta' kofinanzjament tal-UE u t-tneħħija ta' kofinanzjament f'ċerti oqsma se jnaqqsu l-piż amministrattiv.

- **L-għażla tal-istrument**

Proposta għal Deċiżjoni li temenda d-Deċiżjoni Nru 1313/2013/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar Mekkanizmu tal-Unjoni għall-Protezzjoni Ċivili

## 3. IR-RIŻULTATI TAL-EVALWAZZJONIJIET *EX POST*, IL-KONSULTAZZJONIJIET MAL-PARTIJIET IKKONĊERNATI U L-VALUTAZZJONIJIET TAL-IMPATT

- **Il-Konsultazzjonijiet mal-partijiet ikkonċernati**

In-nuqqasijiet li din il-proposta għandha l-għan li tittratta ġew identifikati mill-esperjenza operazzjonali, kif ukoll mir-riżultati tal-konsultazzjoni komprensiva mal-partijiet ikkonċernati li twettqet reċentement fil-qafas tal-Evalwazzjoni Interim tal-UCPM[7]. L-objettiv ġenerali ta' din il-konsultazzjoni kien li l-partijiet ikkonċernati kollha jingħataw l-opportunità li jesprimu l-fehmiet tagħhom dwar il-prestazzjoni tal-UCPM matul l-ewwel nofs tal-implimentazzjoni tiegħu. L-objettivi speċifiċi kienu li:

(a) Jinġabru l-fehmiet u l-opinjonijiet taċ-ċittadini Ewropej dwar ir-riżultati li l-UCPM irnexxielu jikseb s'issa;

(b) Tiġi ddeterminata l-importanza tal-prijoritajiet differenti għall-ġestjoni tar-riskju ta' diżastri kif dawn huma mifhuma mal-UE kollha;

(c) Jinkisbu feedback u konsulenza teknika speċifiċi mill-partijiet ikkonċernati ewlenin tal-UCPM;

(d) Tinġabar evidenza biex tappoġġa l-evalwazzjoni *interim* tal-UCPM għal kull waħda mill-kriterji ta' evalwazzjoni ewlenin.

Matul l-attivitajiet ta' konsultazzjoni ġew indirizzati erba' gruppi ewlenin ta' partijiet ikkonċernati:

– Entitajiet li qed jimplimentaw l-UCPM: Awtoritajiet tal-protezzjoni ċivili tal-Istati Membri li jikkontribwixxu permezz ta' moduli u/jew esperti għall-Kapaċità Ewropea ta' Rispons f'każ ta' Emerġenza; awtoritajiet tal-protezzjoni ċivili oħra tal-Istati Membri; l-awtoritajiet tal-protezzjoni ċivili ta' Stati Parteċipanti[8].

– Entitajiet affettwati mill-UCPM: Pajjiżi ospitanti li rċevew appoġġ mill-UCPM (l-UE, il-Pajjiżi tal-Adeżjoni, il-pajjiżi Ewropej tl-Viċinat u pajjiżi terzi oħra), il-Parlament Ewropew, il-Kumitat tar-Reġjuni, l-awtoritajiet lokali.

---

5 Ara n-nota f'qiegħ il-paġna Nru 3.

6 Dokument ta' Ħidma tal-Persunal, Overview of Natural and Man-made Disaster Risks the European Union may face, 23.05.2017, SWD(2017)176 final.

7 Rapport mill-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill dwar l-Evalwazzjoni *Interim* tal-Mekkaniżmu tal-Unjoni għall-Protezzjoni Ċivili għall-perjodu 2014-2016, 30.08.2017, COM (2017) 460 final.

8 L-Eks-Repubblika Jugoslava tal-Maċedonja, l-Iżlanda, il-Montenegro, in-Norveġja, is-Serbja u t-Turkija.

– Entitajiet b'interess iddikjarat fl-UCPM: Awtoritajiet oħra tal-Istati Membri, awtoritajiet oħra tal-Istati Parteċipanti, aġenziji tan-NU, il-Bank Dinji, NGOs, is-Settur Privat, Fondazzjonijiet, eċċ.

– Entitajiet li għandhom l-għarfien rilevanti għall-UCPM (jiġifieri il-ġestjoni tar-riskju ta' diżastri): Universitajiet/ċentri ta' eċċellenza u gruppi ta' riflessjoni, l-aktar fl-Istati Parteċipanti.

- **Il-ġbir u l-użu tal-kompetenzi**

L-Evalwazzjoni *Interim* li tirfed din il-proposta twettqet minn evalwatur estern bejn Settembru 2016 u Ġunju 2017. Din kienet ibbażata fuq dak li ntqal matul id-diskussjonijiet mal-Istati Parteċipanti (il-Kumitat tal-Protezzjoni Ċivili, il-Grupp ta' Ħidma tal-Kunsill tal-Protezzjoni Ċivili, u l-laqgħat tad-Diretturi Ġenerali) u qieset l-informazzjoni miksuba permezz ta' Konsultazzjoni Pubblika Miftuħa, ir-rapport speċjali dwar l-UCPM tal-Qorti Ewropea tal-Awdituri (il-QEA) u r-Rapport tal-Kummissjoni dwar il-progress li sar u n-nuqqasijiet li fadal fl-EERC.

L-evalwazzjoni tikkonsisti minn tliet fażijiet:

*(i)* *bidu*, inkluż analiżi mhux fuq il-post tal-attivitajiet tal-UCPM u intervisti esplorattivi mal-uffiċjali tal-Kummissjoni;

(ii) *riċerka*, inkluż konsultazzjoni speċifika mal-partijiet ikkonċernati ewlenin tal-UCPM[9] permezz ta' stħarriġ onlajn, intervisti wiċċ imb'wiċċ u bit-telefon, u tliet studji tal-każ (in-Nirien tal-Foresti ta' Ċipru, l-Eżerċizzju Modulu tal-Estonja, il-Kriżi tal-Migrazzjoni).

(iii) *analiżi u sinteżi*, inkluż it-triangulazzjoni tad-*data*, l-elaborazzjoni tal-konklużjonijiet u r-rakkomandazzjonijiet, u l-abbozzar.

Barra minn hekk, saret Konsultazzjoni Pubblika Miftuħa (OPC) onlajn għal tliet xhur (bejn Novembru 2016 u Frar 2017), b'madwar 130 parteċipant mill-Ewropa kollha li pprovdew feedback dwar l-UCPM. Rapport dwar l-eżitu tal-OPC ġie ppubblikat fl-aħħar ta' Marzu 2017[10].

**Valutazzjoni tal-impatt**

Sa issa għadha ma twettqitx Valutazzjoni tal-Impatt li takkumpanja din il-proposta, minħabba li hemm urġenza kbira fl-implimentazzjoni tal-bidliet proposti minħabba nuqqasijiet f'kapaċitajiet kritiċi fil-livell Ewropew, li kienu evidenti b'mod partikolari fl-istaġun tat-tifi tan-nar tal-foresti tal-2017. Tali nuqqasijiet affettwaw b'mod sostanzjali r-rispons tal-UE għad-diżastri u wasslu għal għadd kbir ta' diżgrazzji, impatti ekonomiċi qawwija u ħsara lill-ambjent.

- **Idoneità u simplifikazzjoni regolatorja**

Ir-reviżjoni proposta hija limitata fil-kamp ta' applikazzjoni u n-natura tagħha, tibbilanċja l-interessi tal-Istati Membri, u hija proporzjonali għal dak li huwa meħtieġ fuq livell operazzjonali.

9 Il-partijiet ikkonċernati li rrispondew jinkludu: L-Awtoritajiet tal-Protezzjoni Ċivili minn 26 Stat Parteċipant (SP) (stħarriġ onlajn); l-Awtoritajiet tal-Protezzjoni Ċivili minn 17-il SP (intervisti); Il-Koordinaturi tat-Taħriġ Nazzjonali minn 21 SP (stħarriġ onlajn); 137 espert li pparteċipaw fil-Programm tal-Iskambju ta' Esperti u 23 kapijiet ta' proġetti ffinanzjati permezz tal-UCPM minn 13-il SP (stħarriġ onlajn); 14-il sieħeb internazzjonali inklużi aġenziji tan-NU, l-OECD, il-Bank Dinji, is-Salib l-Aħmar, eċċ (intervisti); 15-il Direttorat Ġenerali u servizzi tal-UE (intervisti).

10 Ir-rapport hu disponibbli fuq: http://ec.europa.eu/echo/EUCPM-consult_en.

Minħabba li din hija reviżjoni ta' biċċa leġiżlazzjoni eżistenti, il-Kummissjoni ħarset lejn opportunitajiet biex tissimplifika u tnaqqas il-piż. Filwaqt li, kif spjegat hawn taħt, ġew identifikati għadd ta' azzjonijiet ta' simplifikazzjoni, ma kienx possibbli li dawn jiġu kkwantifikati, minħabba d-disponibbiltà limitata ta' *data* fil-perjodu ta' żmien limitat.

Din il-proposta tneħħi l-burokrazija żejda billi tintroduċi referenza speċifika għall-użu ta' ammonti ta' unitajiet, ammonti b'rata fissa u rati fissi fir-rigward tal-kofinanzjament tal-kostijiet tat-trasport. Barra minn hekk, hija tissimplifika l-proċeduri amministrattivi eżistenti billi tissimplifika r-regoli ta' kofinanzjament.

B'mod aktar ġenerali, din il-proposta tfittex li taġġorna l-proċeduri operazzjonali biex tiżgura li dawn ikunu xierqa għall-użu, rapidi u mhux kumplikati biex jinftehmu u jiġu applikati, u b'hekk jiġi żgurat li l-Istati Membri jkunu kapaċi jaċċessaw l-appoġġ u l-faċilitazzjoni mill-Mekkaniżmu tal-Unjoni meta dan ikun meħtieġ. Pereżempju, diżastri riċenti taw evidenza li l-Unjoni aktarx mhix mgħammra biżżejjed għal emerġenzi b'impatt wiesa' u li jaffettwaw diversi Stati Membri fl-istess ħin (eż. nirien tal-foresti, avvenimenti tat-temp estremi, għargħar fuq skala kbira, terremoti, epidemiji (bħall-Ebola), attakki terroristiċi). F'tali ċirkostanzi, l-Istati Membri mhux dejjem ikunu kapaċi joffru l-assistenza tagħhom.

## 4. IMPLIKAZZJONIJIET BAĠITARJI

Kif spjegat fl-Artikolu 19 tad-Deċiżjoni Nru 1313/2013/UE, il-pakkett finanzjarju għall-implimentazzjoni tal-Mekkaniżmu tal-Unjoni matul il-perjodu tal-Qafas Finanzjarju Pluriennali ta' bejn l-2014 u l-2020 huwa ta' EUR 368.4 miljun. Dan l-ammont jinkludi l-kontribuzzjoni ta' EUR 223,8 miljun mill-Intestatura 3 "Sigurtà u Ċittadinanza" u EUR 144,6 miljun mill-Intestatura 4 "Ewropa Globali". Barra minn hekk, il-kosti amministrattivi u tar-riżorsi umani huma koperti mill-Intestatura 5 għal total approssimattiv ta' EUR 52,5 miljun.

Sabiex ikunu jistgħu jintlaħqu l-objettivi stipulati f'Taqsima 1 hawn fuq, jiġifieri:

– ir-rinfurzar tal-kapaċità kollettiva tal-Istati Membri u tal-Unjoni biex jirrispondu għad-diżastri permezz tal-ħolqien ta' riżerva ddedikata ta' kapaċitajiet ta' rispons, bil-kmand u l-kontroll f'idejn il-Kummissjoni (rescEU),
– rati ogħla ta' kofinanzjament (75%) tal- kapaċitajiet li jkunu għad-dispożizzjoni tar-riżerva Ewropea. Dan jinkludi l-kosti tal-adattament, it-tiswija, it-trasport u l-kosti operazzjonali;
– it-tisħiħ tal-enfasi fuq il-prevenzjoni u t-tisħiħ tal-koerenza ma' politiki tal-UE oħra ewlenin, u;
– it-tisħiħ tal-kooperazzjoni ma' pajjiżi tal-viċinat.

Din il-proposta tfittex żieda globali totali fil-pakkett finanzjarju tal-UCPM għall-perjodu bejn l-2018 u l-2020 ta' EUR 280 miljun addizzjonali.

## 5. ELEMENTI OĦRAJN

### • Il-pjanijiet ta' implimentazzjoni u l-arranġamenti dwar il-monitoraġġ, l-evalwazzjoni u r-rappurtar

L-Artikolu 34(2) tad-Deċiżjoni Nru 1313/2013/UE dwar Mekkaniżmu tal-Unjoni għall-Protezzjoni Ċivili japplika. Dan jipprevedi li azzjonijiet li jirċievu assistenza finanzjarja

għandhom jiġu mmonitorjati b'mod regolari sabiex l-implimentazzjoni tagħhom tiġi segwita. L-Artikolu jipprevedi wkoll aktar rekwiżiti ġenerali sabiex il-Kummissjoni tevalwa l-applikazzjoni tad-Deċiżjoni u tissottometti rapporti ta' evalwazzjoni *interim* u *ex post*, kif ukoll komunikazzjoni dwar l-implimentazzjoni. Tali evalwazzjonijiet jeħtieġ li jkunu bbażati fuq l-indikaturi previsti fl-Artikolu 3 tad-Deċiżjoni.

- **Spjegazzjoni fid-dettall tad-dispożizzjonijiet speċifiċi tal-proposta**

Din il-proposta temenda għadd limitat ta' artikoli tad-Deċiżjoni Nru 1313/2013/UE sabiex tikseb l-objettivi stipulati qabel.

Fir-rigward tal-ewwel objettiv, jiġifieri t-tisħiħ tal-kapaċità kollettiva għar-rispons għal diżastri u għall-appoġġ ta' Stati Membri fl-indirizzar ta' diżastri li tul l-aħħar ftit snin, b'mod aktar frekwenti affettwaw in-nisġa soċjali tal-Ewropa (kapaċitajiet ta' tifi tan-nar mill-ajru, ippumpjar ta' kapaċità għolja, tiftix u salvataġġ urban, sptarijiet fuq il-post, u timijiet mediċi ta' emerġenza), dan jinkiseb permezz tal-mezzi li ġejjin:

– Il-ħolqien ta' riżerva ddedikata ta' assi: rescEU. Din il-proposta b'mod ċar tippermetti lill-Kummissjoni tikseb il-kapaċitajiet operazzjonali tagħha, u tistabbilixxi arranġamenti biex tiżgura l-aċċess rapidu għal dawn il-kapaċitajiet sabiex toħloq riżerva ddedikata ta' assi li tgħin biex jiġu rimedjati n-nuqqasijiet eżistenti fil-livell nazzjonali. Il-kapaċitajiet mikrija jew mogħtija b'lokazzjoni permezz ta' arranġamenti tal-UE jew miksuba kompletament bil-finanzjament tal-UE isiru parti minn rescEU. Il-kosti kollha ta' dawn il-kapaċitajiet ikunu koperti kollha mill-finanzjament tal-UE, li se żżomm il-kmand u l-kontroll operazzjonali ta' dawn l-assi, u ladarba l-Mekkaniżmu jkun ġie attivat tieħu deċiżjoni dwar l-użu tagħhom. L-identifikazzjoni ta' kapaċitajiet addizzjonali se titwettaq b'konsultazzjoni ma' grupp ta' esperti tar-rescEU.
– Ir-rinfurzar tal-Kapaċità Ewropea għal Rispons f'każ ta' Emerġenza, fejn l-Istati Membri minn qabel jistgħu jallokaw kapaċitajiet ta' rispons nazzjonali (eż. id-detezzjoni u l-kampjunar CBRN, is-salvataġġ f'għargħar bl-użu ta' dgħajjes jew kapaċitajiet oħra bħal laboratorji mobbli), se jkompli jkun parti ewlenija mill-UCPM u se jkun magħruf bħala r-"Riżerva Ewropea ta' Protezzjoni Ċivili". Din il-proposta tirrevedi s-sistema ta' inċentivi għall-impenjar ta' assi fir-Riżerva Ewropea ta' Protezzjoni Ċivili permezz taż-żieda ta' rati ta' kofinanzjament, kif ukoll it-tipi ta' kosti eliġibbli. Taħt il-proposta l-ġdida, b'mod partikolari, l-assi allokati għar-Riżerva Ewropea ta' Protezzjoni Ċivili se jibbenefikaw minn kopertura ta' 75 % tal-kosti kollha mġarrba matul l-operazzjonijiet tal-UCPM fl-Unjoni, inkluż il-kosti ta' adattament, tiswija, trasport u dawk operazzjonali.

Il-kapaċitajiet li jibbenefikaw minn kwalunkwe tip ta' kofinanzjament tal-UE se jkollhom jiġu inklużi fir-Riżerva Ewropea ta' Protezzjoni Ċivili. Sabiex is-sistema tiġi ssimplifikata u biex id-disponibbiltà tal-assi ssir aktar prevedibbli, l-assistenza finanzjarji għal assi barra mir-Riżerva Ewropea ta' Protezzjoni Ċivili mhix se tibqa' tingħata. Fl-aħħar nett, l-inċentivi msaħħa għall-ippuljar tal-kapaċitajiet (eż. li l-Kummissjoni tkopri l-kostijiet tat-trasport ta' assistenza "li se tiġi ppuljata" minn Stat Membru għall-ieħor u l-pagament ta' tranżitu u l-kosti ta' magazzinaġġ tal-assistenza ppuljata f'pajjiżi terzi) ġew inklużi wkoll.

Fir-rigward tat-tieni objettiv, ir-rabtiet bejn il-prevenzjoni, it-tħejjija u r-rispons ġew rinfurzati billi l-valutazzjonijiet tar-riskju ingħaqdu mal-ippjanar tal-ġestjoni tar-riskju u billi l-Istati Membri jintalbu jipprovdu l-pjanijiet ta' ġestjoni tar-riskju tagħhom lill-Kummissjoni sa mhux aktar tard mill-31 ta' Jannar 2019. Sabiex jiġi żgurat li l-Istati Membri kollha jkollhom

fis-seħħ miżuri ta’ prevenzjoni effettivi u li r-rescEU ma tintużax bħala sostitut għall-kapaċitajiet nazzjonali, il-Kummissjoni se tkun tista' titlob pjanijiet ta’ prevenzjoni u tħejjija speċifiċi mingħand Stat Membru wieħed jew diversi Stati Membri. Barra milli jinkludu azzjonijiet ta’ prevenzjoni ta’ terminu qasir, il-pjanijiet ta’ prevenzjoni jeħtieġ li jinkludu wkoll sforzi ta’ prevenzjoni ta’ terminu itwal, li jħarsu lejn l-adattament globali fir-rigward tal-impatti dejjem jiżdiedu tat-tibdil fil-klima. Barra minn hekk, l-ippjanar tax-xenarju futur jeħtieġ li jkun ibbażat fuq valutazzjonijiet tar-riskju u użu tal-kapaċità, biex b’hekk tinħoloq rabta reali aktar b’saħħitha bejn il-prevenzjoni, it-tħejjija u r-rispons.

Il-koerenza ma’ strumenti oħra tal-Unjoni dwar il-prevenzjoni u l-ġestjoni tar-riskju ta’ diżastri hija msaħħa wkoll permezz tal-ħolqien ta’ rabta bejn dan il-Mekkaniżmu u l-politiki tal-koeżjoni, l-iżvilupp rurali, is-saħħa u r-riċerka. Il-progress li l-Istati Membri għamlu fil-qasam tal-prevenzjoni u t-tħejjija se jinfluwenza d-deċiżjonijiet ta’ finanzjament f’dan il-qasam. Barra minn hekk, fir-rigward tal-koerenza ma’ politiki oħra tal-UE li jintervjenu fir-rispons għal diżastri, jittejbu wkoll il-komplementarjetà u/jew is-sinkroniżmu tal-assistenza finanzjarja disponibbli taħt il-Mekkaniżmu tal-Unjoni u strumenti oħra tal-Unjoni (bħar-Regolament dwar l-Għajnuna Umanitarja). F’dan il-kuntest, deroga tal-Artikolu 129(1) tar-Regolament (UE, Euratom) 966/2012[11] se tiżgura użu aħjar tal-possibbiltajiet ta’ finanzjament eżistenti u ttejjeb l-effettività tal-operazzjonijiet ta’ rispons tal-Istati Membri. Il-viżibbiltà tal-UE se tiġi msaħħa wkoll permezz ta’ Artikolu ddedikat.

B’rabta mat-tieni objettiv, u bil-ħsieb li jkun hemm koerenza politika akbar, din il-proposta tinkludi wkoll dispożizzjonijiet li jiżguraw li l-iżborż tal-fondi tal-UE permezz tal-mekkaniżmu tal-UE jkun akkumpanjat minn viżibbiltà adegwata lejn l-Unjoni. Barra minn hekk, din il-proposta tipprovdi wkoll l-opportunità għall-iżvilupp ta’ struttura ddedikata tat-tip netwerk, in-Netwerk tal-Unjoni ta' Għarfien dwar il-Protezzjoni Ċivili, li jirrinforza l-komponent tat-taħriġ tal-UCPM, f’kooperazzjoni mill-qrib mal-istrutturi nazzjonali rilevanti eżistenti dwar il-kwistjoni.

Fl-aħħar nett, fir-rigward tat-tielet objettiv, il-proposta tfittex li tissimplifika l-proċeduri amministrattivi sabiex tnaqqas id-dewmien fil-mobilizzazzjoni tal-assistenza. Hija tissimplifika s-sistema attwali billi tintroduċi kategorija waħda biss ta’ assi ta’ rispons. L-użu tagħha jitlob il-kofinanzjament mill-Istati Membri u l-baġit tal-UE, jiġifieri r-Riżerva Ewropea ta' Protezzjoni Ċivili. Il-proposta tintroduċi referenza speċifika għall-użu ta’ ammonti ta’ unitajiet, ammonti f'daqqa u rati fissi fir-rigward tal-kofinanzjament tal-ispejjeż tat-trasport sabiex isir titjib kemm fil-konsistenza u kif ukoll fl-effiċjenza. Barra minn hekk, ġew inklużi dispożizzjonijiet speċifiċi li jillimitaw l-attivazzjonijiet tal-Mekkaniżmu tal-Unjoni għal perjodu ta’ 90 jum (sakemm ma jkunx ġustifikat mod ieħor) sabiex jiġi ċċarat il-kamp ta’ applikazzjoni u jiġi inċentivat l-użu tal-assi fil-fażi ta’ rispons immedjat.

---

[11] Ir-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta’ Ottubru 2012 dwar ir-regoli finanzjarji applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1605/2002, ĠU L 298, 26.10.2012, p. 1).

2017/0309 (COD)

Proposta għal

# DEĊIŻJONI TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL

## li temenda d-Deċiżjoni Nru 1313/2013/UE dwar Mekkaniżmu tal-Unjoni għall-Protezzjoni Ċivili

IL-PARLAMENT EWROPEW U L-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidraw it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 196 tiegħu,

Wara li kkunsidraw il-proposta mill-Kummissjoni Ewropea,

Wara t-trażmissjoni tal-abbozz tal-att leġiżlattiv lill-parlamenti nazzjonali,

Wara li kkunsidraw l-opinjoni tal-Kumitat tar-Reġjuni,

Waqt li jaġixxu f'konformità mal-proċedura leġiżlattiva ordinarja,

Billi:

(1) Il-Mekkaniżmu tal-Unjoni għall-Protezzjoni Ċivili ("il-Mekkaniżmu tal-Unjoni"), irregolat mid-Deċiżjoni Nru 1313/2013/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[12], isaħħaħ il-kooperazzjoni bejn l-Unjoni u l-Istati Membri u jiffaċilita l-koordinazzjoni fil-qasam tal-protezzjoni ċivili sabiex ir-rispons tal-Unjoni għal diżastri naturali u kkawżati mill-bniedem jittejjeb.

(2) Filwaqt li jirrikonoxxi r-responsabbiltà ewlenija tal-Istati Membri li jipprevjenu, jħejju u jirrispondu għal diżastri naturali u kkawżati mill-bniedem, il-Mekkaniżmu tal-Unjoni jippromwovi s-solidarjetà bejn l-Istati Membri f'konformità mal-Artikolu 3(3) tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea.

(3) Id-diżastri naturali u kkawżati mill-bniedem jistgħu jolqtu kwalunkwe post fid-dinja, spiss mingħajr twissija. Kemm jekk ikunu naturali kif ukoll jekk ikkawżati mill-bniedem, dawn qed isiru dejjem aktar frekwenti, estremi u kumplessi, u ggravati mill-impatti tat-tibdil fil-klima, irrispettivament mill-fruntieri nazzjonali. Il-konsegwenzi umani, ambjentali u ekonomiċi li ġejjin minn dawn id-diżastri huma enormi.

(4) Reċentement ġie osservat li d-dipendenza fuq l-offerti volontarji tal-assistenza reċiproka, ikkoordinata u ffaċilitata mill-Mekkaniżmu tal-Unjoni, mhux dejjem tiżgura li jkun hemm biżżejjed kapaċitajiet disponibbli biex jiġu indirizzati l-bżonnijiet bażiċi tan-nies affettwati mid-diżastri b'mod sodisfaċenti, u lanqas li l-ambjent u l-proprjetà jkunu ssalvagwardjati kif xieraq. Dan ikun partikolarment il-każ meta l-Istati Membri jiġu affettwati simultanjament minn diżastri rikorrenti u l-kapaċità kollettiva ma tkunx biżżejjed.

(5) Il-prevenzjoni hija ta' importanza ewlenija għall-protezzjoni kontra d-diżastri u teħtieġ azzjoni ulterjuri. Għal dan il-għan, jeħtieġ li, fuq bażi regolari, l-Istati Membri

[12] Id-Deċiżjoni Nru 1313/2013/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-17 ta' Diċembru 2013 dwar Mekkaniżmu tal-Unjoni għall-Protezzjoni Ċivili (ĠU L 347, 20.12.2013, p. 924).

jikkondividu kemm il-valutazzjonijiet tar-riskju kif ukoll is-sommarji tal-ippjanar tal-ġesjoni tar-riskju ta' diżastru tagħhom. Dan biex jiżguraw approċċ integrat tal-ġestjoni tar-riskju, li jorbot flimkien azzjonijiet ta' prevenzjoni u tħejjija tar-riskju, u r-rispons għalih. Barra minn hekk, il-Kummissjoni jeħtieġ li tkun kapaċi titlob lill-Istati Membri jipprovdu pjanijiet ta' prevenzjoni u tħejjija speċifiċi fir-rigward ta' diżastri speċifiċi, b'mod partikolari bil-għan li jimmassimizzaw l-appoġġ globali tal-Unjoni għall-ġestjoni tar-riskju ta' diżastri. Jeħtieġ li jitnaqqas il-piż amministrattiv u jissaħħu l-politiki ta' prevenzjoni, inkluż billi jiġu żgurati rabtiet neċessarji ma' politiki u strumenti ewlenin oħra tal-Unjoni, b'mod partikolari l-Fondi Strutturali u ta' Investiment Ewropej kif elenkati fil-premessa 2 tar-Regolament (UE) Nru 1303/2013[13].

(6) Hemm bżonn li tiġi rinforzata l-abbiltà kollettiva għat-tħejjija u r-rispons għal diżastri, b'mod partikolari permezz tal-appoġġ reċiproku fl-Ewropa. Barra milli ssaħħaħ il-possibbiltajiet offruti diġà mill-Kapaċità Ewropea għal Rispons f'każ ta' Emerġenza (l-"EERC" jew il-"konsorzju volontarju"), minn hawn 'il quddiem ir-"Riżerva Ewropea ta' Protezzjoni Ċivili", il-Kummissjoni jeħtieġ ukoll li tistabbilixxi r-rescEU. Il-kapaċità rescEU jeħtieġ li tkun magħmula minn kapaċitajiet ta' rispons għall-emerġenza għal rispons f'każ ta' nirien tal-foresti, għargħar fuq skala kbira u terremoti, kif ukoll sptar fuq il-post u timijiet mediċi f'konformità mal-istandards tal-Organizzazzjoni Dinjija tas-Saħħa, li jistgħu jiġu mobilizzati b'mod rapidu.

(7) L-Unjoni jeħtieġ li tkun tista' tappoġġa lill-Istati Membri meta l-kapaċitajiet disponibbli ma jkunux biżżejjed biex dawn jippermettu rispons effettiv għal diżastri, billi tikkontribwixxi għall-finanzjament ta' arranġamenti ta' lokazzjoni jew kiri sabiex jiġi żgurat aċċess rapidu għal tali kapaċitajiet jew billi tiffinanzja l-akkwiżizzjoni tagħhom. Dan iżid sostanzjalment l-effettività tal-Mekkaniżmu tal-Unjoni, billi jiżgura d-disponibbiltà tal-kapaċitajiet f'każijiet fejn ir-rispons effettiv għad-diżastri ma kienx se jiġi żgurat, b'mod partikolari għal diżastri b'impatti wiesa' li jaffettwaw għadd sinifikanti ta' Stati Membri. L-akkwist ta' kapaċitajiet tal-Unjoni jeħtieġ li jippermetti ekonomiji ta' skala u koordinazzjoni aħjar fir-rispons għal diżastri.

(8) Ir-rinfurzar tar-Riżerva Ewropea ta' Protezzjoni Ċivili jeħtieġ titjib fil-finanzjament tal-Unjoni f'termini ta' adattament u tiswija tal-kapaċitajiet, kif ukoll l-ispejjeż operazzjonali.

(9) Sabiex tissaħħaħ l-effiċjenza u l-effettività tat-taħriġ u l-eżerċizzji u tittejjeb il-kooperazzjoni bejn l-awtoritajiet u s-servizzi tal-protezzjoni ċivili nazzjonali tal-Istati Membri, jeħtieġ li jiġi stabbilit Netwerk tal-Għarfien tal-Protezzjoni Ċivili tal-Unjoni li jkun ibbażat fuq strutturi eżistenti.

(10) Sabiex jinkiseb il-funzjonament tal-kapaċità rescEU, jeħtieġ li jkunu disponibbli approprjazzjonijiet finanzjarji addizzjonali għall-finanzjament ta' azzjonijiet taħt il-Mekkaniżmu tal-Unjoni.

(11) Hemm bżonn li l-proċeduri tal-Mekkaniżmu tal-Unjoni jiġu ssimplifikati sabiex jiġi żgurat li l-Istati Membri jkunu jistgħu jaċċessaw l-assistenza u l-kapaċitajiet meħtieġa

[13] Regolament (UE) Nru 1303/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-17 ta' Diċembru 2013 li jistabbilixxi dispożizzjonijiet komuni dwar il-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali, il-Fond Soċjali Ewropew, il-Fond ta' Koeżjoni, il-Fond Agrikolu Ewropew għall-Iżvilupp Rurali u l-Fond Marittimu u tas-Sajd Ewropew u li jistabbilixxi d-dispożizzjonijiet ġenerali dwar il-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali, il-Fond Soċjali Ewropew, il-Fond ta' Koeżjoni u l-Fond Ewropew għall-Affarijiet Marittimi u s-Sajd u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1083/2006 (ĠU L 347, 20.12.2013, p. 320).

sabiex jirrispondu għal diżastri naturali jew ikkawżati mill-bniedem malajr kemm jista' jkun.

(12) Sabiex jiġi massimizzat l-użu ta' strumenti ta' finanzjament eżistenti u l-Istati Membri jiġu appoġġati fl-għoti tal-assistenza, b'mod partikolari fir-rispons għal diżastri barra mill-Unjoni, jeħtieġ li tkun prevista deroga għall-Artikolu 129(1) tar-Regolament (UE, Euratom) 966/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[14] għal meta jingħata finanzjament skont l-Artikoli 21, 22 u 23 tad-Deċiżjoni Nru 1313/2013/UE.

(13) Huwa importanti li jiġi żgurat li l-Istati Membri jieħdu l-azzjonijiet kollha meħtieġa sabiex jipprevjenu b'mod effettiv id-diżastri naturali u kkawżati mill-bniedem u jimmitigaw l-effetti tagħhom. Id-dispożizzjonijiet jeħtieġ li jirrinforzaw ir-rabtiet bejn l-azzjonijiet ta' prevenzjoni, preparazzjoni u rispons taħt il-Mekkaniżmu tal-Unjoni. Jeħtieġ ukoll li tiġi żgurata l-koerenza mal-leġiżlazzjoni l-oħra rilevanti tal-Unjoni dwar il-prevenzjoni u l-ġestjoni tar-riskju ta' diżastri, inkluż għall-azzjoni ta' prevenzjoni transfruntiera u r-rispons għal theddid bħal theddid transfruntier serju għas-saħħa[15]. Bl-istess mod, jeħtieġ li tiġi żgurata koerenza fl-impenji internazzjonali bħall-Qafas ta' Sendai għat-Tnaqqis tar-Riskju ta' Diżastri 2015-2030, il-Ftehim ta' Pariġi u l-Aġenda 2030 għall-Iżvilupp Sostenibbli.

(14) Id-delega ta' setgħat mogħtija lill-Kummissjoni mid-Deċiżjoni Nru 1313/2013/UE jeħtieġ li tiġi emendata, sabiex tippermetti kapaċità ta' appoġġ ta' emerġenza effettiva għall-Unjoni Ewropea (rescEU). Is-setgħa li tadotta l-atti f'konformità mal-Artikolu 290 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea jeħtieġ li tiġi delegata lill-Kummissjoni sabiex tiddefinixxi t-tipi addizzjonali ta' kapaċitajiet ta' rispons abbażi tar-riskji identifikati u tqis approċċ ta' perikli multipli.

(15) Billi l-objettivi ta' din id-Direttiva ma jistgħux jintlaħqu b'mod suffiċjenti mill-Istati Membri weħidhom iżda pjuttost jistgħu, minħabba l-iskala jew l-effetti, jintlaħqu aħjar fil-livell tal-Unjoni, l-Unjoni tista' tadotta miżuri, f'konformità mal-prinċipju tas-sussidjarjetà kif stabbilit fl-Artikolu 5 tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea. F'konformità mal-prinċipju tal-proporzjonalità, kif stabbilit f'dak l-Artikolu, din id-Deċiżjoni ma tmurx lil hinn minn dak meħtieġ biex jintlaħqu dawk l-objettivi.

(16) Għalhekk id-Deċiżjoni Nru 1313/2013/UE jeħtieġ li tiġi emendata skond dan,

ADOTTAW DIN ID-DEĊIŻJONI:

*Artikolu 1*

Id-Deċiżjoni Nru 1313/2013/KE hija b'dan emendata kif ġej:

(1) L-Artikolu 3 jiġi emendat kif ġej:

(a) fil-paragrafu 1 jiddaħħal il-punt (e) li ġej:

"(e) li jiżdiedu d-disponibbiltà u l-użu tal-għarfien xjentifiku dwar id-diżastri."

(b) il-punt (a) tal-paragrafu 2 jinbidel b'dan li ġej:

---

[14] Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Ottubru 2012 dwar ir-regoli finanzjarji applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1605/2002, ĠU L 298, 26.10.2012, p. 1).

[15] Id-Deċiżjoni Nru 1082/2013/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-22 ta' Ottubru 2013 dwar theddid transkonfinali serju għas-saħħa u li tħassar id-Deċiżjoni Nru 2119/98/KE (ĠU L 293, 5.11.2013, p. 1).

"(a) il-progress fl-implimentazzjoni tal-qafas ta' prevenzjoni tad-diżastri: li jitkejjel bl-għadd ta' Stati Membri li jkunu qiegħdu għad-dispożizzjoni tal-Kummissjoni il-valutazzjonijiet tar-riskju tagħhom, valutazzjoni tal-kapaċità ta' ġestjoni tar-riskju tagħhom u sommarju tal-ippjanar tal-ġestjoni tad-diżastri kif imsemmi fl-Artikolu 6;"

(2) fl-Artikolu 4, jiżdied il-punt 12 li ġej:

"(12) Stat Parteċipanti" tfisser pajjiż terz li qed jipparteċipa fil-Mekkaniżmu tal-Unjoni f'konformità mal-Artikolu 28(1);"

(3) fl-Artikolu 5(1), il-punt (a) jinbidel b'dan li ġej:

"(a) tieħu azzjoni biex ittejjeb il-bażi ta' għarfien fuq riskji ta' diżastru u tiffaċilita l-kondiviżjoni ta' għarfien, ir-riżultati tar-riċerka xjentifika, l-aħjar prattiki u l-informazzjoni, inkluż fost l-Istati Membri li jikkondividu riskji komuni."

(4) L-Artikolu 6 jiġi emendat kif ġej:

(a) il-punti (a) u (b) jinbidlu b'dan li ġej:

"(a) jiżviluppaw valutazzjonijiet tar-riskju f'livell nazzjonali jew livell subnazzjonali adatt u jqegħduhom għad-dispożizzjoni tal-Kummissjoni sat-22 ta' Diċembru 2018 u kull tliet snin wara dan;

(b) jiżviluppaw u jorqmu l-ippjanar tagħhom tal-ġestjoni tar-riskju ta' diżastru f'livell nazzjonali jew livell subnazzjonali adatt fuq il-valutazzjonijiet tar-riskju msemmija fil-punt (a) u jqisu l-valutazzjoni tal-kapaċità tal-ġestjoni tar-riskju tagħhom imsemmija fil-punt (c) u l-perspettiva ġenerali tar-riskji msemmija fil-punt (c) tal-Artikolu 5(1)."

(b) jiżdied it-tieni subparagrafu li ġej:

"Il-Kummissjoni għandha tingħata sommarju tal-elementi rilevanti tal-ippjanar tal-ġestjoni tar-riskju, inkluż informazzjoni dwar il-miżuri ta' prevenzjoni u tħejjija magħżula, sal-31 ta' Jannar 2019 u kull tliet snin wara dan. Barra minn hekk, il-Kummissjoni tista' titlob lill-Istati Membri jipprovdu pjanijiet ta' prevenzjoni u tħejjija speċifiċi, li għandhom ikopru kemm l-isforzi ta' terminu qasir kif ukoll dawk ta' terminu twil. L-Unjoni għandha tqis kif xieraq il-progress li jkunu għamlu l-Istati Membri fir-rigward tal-prevenzjoni u t-tħejjija tad-diżastri bħala parti minn kwalunkwe mekkaniżmu futur ta' kondizzjonalità *ex ante* taħt il-Fondi Strutturali u ta' Investiment Ewropej."

(c) jiżdied il-punt (e) li ġej:

"(e) Il-Kummissjoni tista' tistabbilixxi wkoll mekkaniżmi ta' konsultazzjoni speċifiċi biex ittejjeb l-ippjanar u ta' prevenzjoni u tħejjija xieraq u l-koordinazzjoni fost l-Istati Membri esposti għal diżastri simili."

(4) Fl-Artikolu 10, il-paragrafu 1 jinbidel b'dan li ġej:

"1. Il-Kummissjoni u l-Istati Membri għandhom jaħdmu flimkien biex itejbu l-ippjanar ta' operazzjonijiet ta' reazzjoni għad-diżastri taħt il-Mekkaniżmu tal-Unjoni, inkluż permezz tat-tħejjija ta' xenarji għar-reazzjoni bbażati fuq il-valutazzjonijiet tar-riskju msemmija fil-punt (a) tal-Artikolu 6 u l-perspettiva ġenerali tar-riskji msemmija fil-punt (c) tal-Artikolu 5(1), l-immappjar tal-assi u l-iżvilupp ta' pjani għall-mobilizzazzjoni tal-kapaċitajiet ta' reazzjoni."

(5) L-Artikolu 11 huwa emendat kif ġej:

(a) It-titolu jinbidel b'dan li ġej:

**"Ir-Riżerva Ewropea ta' Protezzjoni Ċivili"**

(b) il-paragrafi 1, u 2 jinbidlu b'dan li ġej:

"1. Għandha tiġi stabbilita Riżerva Ewropea ta' Protezzjoni Ċivili. Dan għandu jikkonsisti minn konsorzju ta' kapaċitajiet ta' reazzjoni impenjati minn qabel mill-Istati Membri u jinkludi moduli, kapaċitajiet oħra ta' reazzjoni u esperti.

2. Abbażi tar-riskji identifikati, il-Kummissjoni għandha tidentifika t-tipi u l-għadd ta' kapaċitajiet ta' reazzjoni ewlenin meħtieġa għar-Riżerva Ewropea ta' Protezzjoni Ċivili ("miri tal-kapaċità"). Il-Kummissjoni għandha tissorvelja l-progress lejn il-miri tal-kapaċità u n-nuqqasijiet li jkun għad fadal u għandha tħeġġeġ lill-Istati Membri jindirizzaw tali nuqqasijiet. Il-Kummissjoni għandha tappoġġa lill-Istati Membri f'konformità mal-Artikolu 20, il-punt (i) tal-Artikolu 21(1) u l-Artikolu 21(2)."

(c) il-paragrafi 7 u 8 jinbidlu b'dan li ġej:

"7. Il-kapaċitajiet ta' reazzjoni li l-Istati Membri jqiegħdu għad-dispożizzjoni tar-Riżerva Ewropea ta' Protezzjoni Ċivili għandhom ikunu disponibbli għall-operazzjonijiet ta' reazzjoni taħt il-Mekkaniżmu tal-Unjoni wara talba għal assistenza permezz tal-ERCC, sakemm l-Istati Membri ma jkunux qed jaffaċċjaw xi sitwazzjoni eċċezzjonali li taffettwa b'mod sostanzjali t-twettiq tal-kompiti nazzjonali.

8. Fil-każ tal-mobilizzazzjoni ta' tali reazzjoni, dawn għandhom jibqgħu taħt il-kmand u l-kontroll tal-Istati Membri li jagħmluhom disponibbli u jistgħu jiġu rtirati meta l-Istati membri jiġu ffaċċati b'sitwazzjonijiet eċċezzjonali li jaffettwaw b'mod sostanzjali t-twettiq tal-kompiti nazzjonali li jimpedixxuhom milli jżommu dawn il-kapaċitajiet ta' reazzjoni disponibbli. F'tali każijiet, il-Kummissjoni għandha tiġi kkonsultata.

Il-koordinazzjoni tal-kapaċitajiet differenti ta' reazzjoni għandha tkun iffaċilitata fejn meħtieġ mill-Kummissjoni permezz tal-ERCC f'konformità mal-Artikoli 15 u 16.

(d) jiżdied il-paragrafu 10 li ġej:

"10. Ir-referenzi għall-Kapaċità Ewropea ta' Reazzjoni f'każ ta' Emerġenza (l-EERC) u l-konsorzju volontarju għandhom jinftiehmu bħala referenza għar-Riżerva Ewropea ta' Protezzjoni Ċivili."

(6) L-Artikolu 12 jinbidel b'dan li ġej:

**"rescEU"**

1. Ir-rescEU għandha tiġi stabbilita biex tipprovdi għajnuna fejn il-kapaċitajiet eżistenti ma jkunux qed jippermettu reazzjoni effettiva għal diżastri.

2. Ir-rescEU għandha tkun tikkonsisti mill-kapaċitajiet li ġejjin:

   (a) tifi tan-nar fil-foresti mill-ajru;

   (b) ippumpjar b'kapaċità qawwija;

   (c) tfittxija u salvataġġ urban;

   (d) sptar fuq il-post u timijiet mediċi ta' emerġenza.

3. Il-Kummissjoni tista' takkwista, tikri, tillokalizza u/jew b'mod ieħor tikkuntratta kapaċitajiet li jkunu se jiġu mobilizzati fil-każijiet imsemmija fil-paragrafu 1, f'konformità mar-regoli finanzjarji tal-Unjoni.

4. Abbażi tar-riskji identifikati u billi tqis l-approċċ ta' periklu multiplu, il-Kummissjoni għandha tkun awtorizzata tadotta atti delegati f'konformità mal-Artikolu 30 biex tiddefinixxi t-tipi ta' kapaċitajiet ta' reazzjoni meħtieġa minbarra dawk identifikati fil-paragrafu 2 ta' dan l-Artikolu u tirrevedi l-kompożizzjoni tar-rescEU skont dan. Għandha tiġi żgurata l-konsistenza ma' politiki oħra tal-Unjoni.

   Fejn, f'każ ta' diżastru jew diżastru imminenti, raġunijiet imperattivi ta' urġenza jkunu jirrikjedu dan, għandha tapplika l-proċedura prevista fl-Artikolu 31 għall-atti delegati adottati skont dan l-Artikolu.

5. Il-Kummissjoni għandha tistabbilixxi rekwiżiti ta' kwalità għall-kapaċitajiet ta' reazzjoni li jiffurmaw parti mir-rescEU. Ir-rekwiżiti ta' kwalità għandhom ikunu bbażati fuq standards internazzjonali stabbiliti, meta tali standards ikunu diġà jeżistu.

6. Il-Kummissjoni għandha tiżgura d-disponibbiltà u l-mobilizzar tal-kapaċitajiet imsemmija fil-paragrafu 2 taħt il-Mekkaniżmu tal-Unjoni.

7. Il-kapaċitajiet tar-rescEU għandhom ikunu disponibbli għal operazzjonijiet ta' reazzjoni taħt il-Mekkaniżmu tal-Unjoni wara talba għall-assistenza permezz tal-ERCC. Id-deċiżjoni dwar l-istazzjonar tagħhom għandha tittieħed mill-Kummissjoni, li għandha żżomm il-kmand u l-kontroll tal-kapaċitajiet tar-rescEU.

8. F'każ ta' mobilizzazzjoni, il-Kummissjoni għandha taqbel mal-Istat Membru rikjedenti dwar il-mobilizzazzjoni operazzjonali tal-kapaċitajiet tar-rescEU. L-Istat Membru rikjedenti għandu jiffaċilita l-koordinazzjoni operazzjonali tal-kapaċitajiet tiegħu u l-attivitajiet tar-rescEU matul l-operazzjonijiet.

9. Il-koordinazzjoni fost il-kapaċitajiet ta' reazzjoni differenti għandha tkun iffaċilitata fejn meħtieġ mill-Kummissjoni permezz tal-ERCC f'konformità mal-Artikoli 15 u 16.

10. Meta l-Kummissjoni takkwista tagħmir bħal tagħmir tat-tifi tan-nar fil-foresti, permezz ta' akkwiżizzjoni, lokazzjoni jew kiri, għandu jiġi żgurat dan li ġej:

    (a) f'każ ta' akkwiżizzjoni ta' tagħmir, ftehim bejn il-Kummissjoni u Stat Membru jipprevedi r-reġistrazzjoni ta' dan f'dak l-Istat Membru.

    (b) f'każ ta' lokazzjoni u kera, ir-reġistrazzjoni tat-tagħmir fi Stat Membru.

11. L-Istati Membri għandhom ikunu infurmati bl-istatus operazzjonali tal-kapaċitajiet tar-rescEU permezz tas-CECIS."

(7) jiddaħħal l-Artikolu 12a li ġej:

*"Artikolu 12a*

***Informazzjoni lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill***

Il-Kummissjoni għandha tinforma lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill bl-operazzjonijiet u l-progress li jkun sar skont l-Artikoli 11 u 12 kull sentejn."

(8) fl-Artikolu 13, it-titolu u l-ewwel sentenza tal-paragrafu 1 jinbidlu b'dan li ġej:

**"In-Netwerk tal-Unjoni ta' Għarfien dwar il-Protezzjoni Ċivili**

1. Il-Kummissjoni għandha tistabbilixxi netwerk ta' atturi u istituzzjonijiet tal-protezzjoni ċivili u tal-ġestjoni tad-diżastri rilevanti, li flimkien mal-Kummissjoni jiffurmaw Netwerk tal-Unjoni ta' Għarfien dwar il-Protezzjoni Ċivili.

In-Netwerk għandu jwettaq il-kompiti li ġejjin fil-qasam tat-taħriġ, l-eżerċizzji, il-tagħlimiet meħuda u t-tixrid tal-għarfien b'koordinazzjoni mill-qrib maċ-ċentri ta' għarfien rilevanti, fejn xieraq."

(9) fl-Artikolu 15, il-paragrafu 1 jinbidel b'dan li ġej:

"1. Meta jseħħ diżastru fl-Unjoni, jew dan ikun imminenti, l-Istat Membru affettwat jista' jitlob għall-assistenza permezz tal-ERCC. It-talba għandha tkun speċifika kemm jista' jkun. Talba għall-assistenza għandha tiskadi wara perjodu massimu ta' 90 jum, sakemm elementi ġodda li jiġġustifikaw il-bżonn għal assistenza kontinwa jew addizzjonali ma jiġux ipprovduti mill-ERCC."

(10) fl-Artikolu 16, il-paragrafu 1 jinbidel b'dan li ġej:

"1. Meta jseħħ diżastru barra l-Unjoni, jew dan ikun imminenti, il-pajjiż affettwat jista' jitlob għall-assistenza permezz tal-ERCC. L-assistenza tista' tintalab ukoll permezz tan-Nazzjonijiet Uniti u l-aġenziji tagħha jew minnhom, jew minn organizzazzjoni internazzjonali rilevanti. Talba għall-assistenza għandha tiskadi wara perjodu massimu ta' 90 jum, sakemm elementi ġodda li jiġġustifikaw il-bżonn għal assistenza kontinwa jew addizzjonali ma jiġux ipprovduti mill-ERCC."

(11) fl-Artikolu 19, il-paragrafu 1 jinbidel b'dan li ġej:

"1. Il-pakkett finanzjarju ta' referenza għall-implimentazzjoni tal-Mekkaniżmu tal-Unjoni għall-perijodu mill-2014 sal-2020 għandu jkun ta' EUR 631 566 000 fi prezzijiet attwali.

EUR 480 630 000 fi prezzijiet attwali għandhom jittieħdu mill-Intestatura 3 "Sigurtà u Ċittadinanza" tal-qafas finanzjarju pluriennali u EUR 150 936 000 fi prezzijiet attwali mill-Intestatura 4 "Ewropa Globali"."

(12) jiddaħħal l-Artikolu 20a li ġej:

*"Artikolu 20a*

**Viżibbiltà**

Kwalunkwe assistenza jew finanzjament mogħtija taħt din id-Deċiżjoni għandhom jagħtu viżibbiltà xierqa lill-Unjoni, inkluż prominenza lill-emblema tal-Unjoni għal dawk il-kapaċitajiet imsemmija taħt l-Artikoli 11, 12 u 21(2)(c)."

(13) L-Artikolu 21 jiġi emendat kif ġej:

(a) il-punt (j) tal-paragrafu 1 jinbidel b'dan li ġej:

"(j) l-istabbiliment, l-immaniġġjar u l-manteniment tar-rescEU f'konformità mal-Artikolu 12;"

(b) Il-paragrafu 2 huwa emendat kif ġej:

(i) il-punt (c) jinbidel b'dan li ġej:

"(c) l-ispejjeż meħtieġa biex il-kapaċitajiet ta' reazzjoni jiġu aġġornati jew imsewwija għal stat ta' tħejjija u disponibbiltà li jagħmilhom stazzjonabbli

bħala parti mir-Riżerva Ewropea ta' Protezzjoni Ċivili, f'konformità mar-rekwiżiti tal-kwalità tar-Riżerva -Ewropea ta' Protezzjoni Ċivili u, fejn relevanti, rakkomandazzjonijiet ifformulati fil-proċess ta' ċertifikazzjoni ("spejjeż ta' adattament"). Dawk l-ispejjeż jistgħu jinkludu spejjeż relatati mal-operabbiltà ta' moduli u kapaċitajiet oħra ta' reazzjoni, awtonomija, awtosuffiċjenza, trasportabbiltà, spejjeż ta' imballaġġ u spejjeż neċessarji oħra, diment li dawk l-ispejjeż ikunu marbutin speċifikament mal-parteċipazzjoni tal-kapaċitajiet fir-Riżerva Ewropea ta' Protezzjoni Ċivili.

L-ispejjeż ta' adattament jistgħu jkopru:

i) 75 % tal-ispejjeż eliġibbli f'każ ta' titjib, dment dan ma jaqbiżx il-50 % tal-ispiża medja tal-iżvilupp tal-kapaċità;

ii) 75 % tal-ispejjeż eliġibbli f'każ ta' tiswija.

Il-kapaċitajiet ta' reazzjoni li jibbenefikaw minn finanzjament taħt il-punti (i) u (ii) għandhom jitqiegħdu għad-dispożizzjoni bħala parti mir-Riżerva Ewropea ta' Protezzjoni Ċivili għal perjodu minimu ta' 5 u 10 snin rispettivament, ħlief meta t-tul ta' ħajja tagħhom ikun iqsar.

L-ispejjeż ta' adattament jistgħu jikkonsistu minn spejjeż għal kull unità jew ammonti sħaħ stabbiliti għal kull tip ta' kapaċità."

(ii) il-punt (d) huwa mħassar.

(c) jiżdiedu l-paragrafi li ġejjin:

"3. L-assistenza finanzjarja għall-azzjoni msemmija fil-punt (j) tal-paragrafu 1 għandha tkopri l-ispejjeż kollha meħtieġa biex tiġi żgurata d-disponibbiltà u l-istazzjonament tal-kapaċitajiet tar-rescEU taħt il-Mekkaniżmu tal-Unjoni meta dawn jiġu stazzjonati f'każ ta' diżastru jew diżastru imminenti ġewwa l-Unjoni jew Stat Parteċipanti.

Il-miżuri msemmija fit-tielet subparagrafu għandhom jinkludu, kif xieraq:

(a) l-ispejjeż relatati mal-akkwist, il-kiri u/jew il-lokazzjoni tal-kapaċità tar-rescEU;

(b) l-ispejjeż relatati mal-operat tal-kapaċità tar-rescEU, inkluż it-trasport;

(c) l-ispejjeż relatati mal-akkwist tas-servizzi ta' entitajiet pubbliċi jew privati meħtieġa għall-operat tal-kapaċitajiet tar-rescEU.

4. L-ispejjeż imsemmija fil-punt (a) tal-paragrafu 3 jistgħu jikkonsistu minn spejjeż għal kull unità, somom f'daqqa jew rati fissi stabbiliti għal kull kategorija jew tip ta' kapaċità, kif xieraq."

(14) L-Artikolu 23 jiġi emendat kif ġej:

(a) it-titlu jinbidel b'dan li ġej:

**"Azzjonijiet eliġibbli marbuta mat-tagħmir u l-operazzjonijiet"**

(b) il-paragrafi 2, 3 u 4 jinbidlu b'dan li ġej:

"2. Il-livell ta' assistenza finanzjarja tal-Unjoni għal assi mwiegħda għar-Riżerva Ewropea ta' Protezzjoni Ċivili għandu jkun limitat għal massimu ta' 75 % tal-ispejjeż tal-operat tal-kapaċitajiet, inkluż it-trasport f'każ ta' diżastru jew diżastru imminenti fl-Unjoni jew fi Stat Parteċipanti.

3. L-appoġġ finanzjarju tal-Unjoni għat-trasport jista' jkopri massimu ta' 75 % tal-ispiża totali eliġibbli relatata mat-trasport ta' kapaċitajiet imwiegħda minn qabel lir-Riżerva Ewropea ta' Protezzjoni Ċivili meta jiġu mobilizzati f'każ ta' diżastru jew diżastru imminenti barra l-Unjoni kif imsemmi fl-Artikolu 16.

4. L-appoġġ finanzjarju tal-Unjoni għar-riżorsi tat-trasport relatati mal-kapaċitajiet imwiegħda minn qabel lir-Riżerva Ewropea ta' Protezzjoni Ċivili f'konformità mal-Artikolu 11 jistgħu, barra minn hekk, ikopru massimu ta' 100 % mill-ispiża totali eliġibbli deskritta taħt il-punti (a), (b), (c) u (d) jekk dan ikun meħtieġ sabiex l-ippuljar tal-assistenza tal-Istati Membri jkun wieħed effettiv fuq livell operazzjonali u jekk l-ispejjeż ikunu relatati ma' wieħed minn dawn li ġejjin:

(a) il-kiri ta' terminu qasir tal-kapaċità ta' magazzinaġġ biex tinħażen temporanjament l-assistenza mill-Istati Membri bil-ħsieb li jiġi ffaċilitat it-trasport koordinat tagħha;

(b) it-trasport mill-Istat Membru li jkun qed joffri l-assistenza lil Stat Membru li jkun qed jiffaċilita t-trasport koordinat tiegħu;

(c) l-imballaġġ mill-ġdid tal-assistenza tal-Istati Membri biex isir użu massimu mill-kapaċitajiet ta' trasport disponibbli jew biex jiġu ssodisfati rekwiżiti operazzjonali speċifiċi; jew

(e) it-trasport lokali, it-transitu u l-magazzinaġġ ta' assistenza ppuljata bil-ħsieb li tiġi żgurata kunsinna koordinata lejn id-destinazzjoni finali tal-pajjiż li jagħmel it-talba."

(e) jiżdied il-paragrafu li ġej:

"8. L-ispejjeż tat-trasport jistgħu jkunu jikkonsistu minn spejjeż għal kull unità, ammonti sħaħ jew rati fissi stabbiliti għal kull kategorija ta' spiża."

(15) fl-Artikolu 26, il-paragrafi 1 u 2 jinbidlu b'dan li ġej:

"1. L-azzjonijiet li jirċievu assistenza finanzjarja taħt din id-Deċiżjoni ma għandhomx jirċievu assistenza minn strumenti finanzjarji oħra tal-Unjoni. B'deroga, l-assistenza finanzjarja mogħtija skont l-Artikoli 21, 22 u 23 ta' din id-Deċiżjoni ma għandhiex timpedixxi l-finanzjament minn strumenti oħra tal-Unjoni f'konformità mal-kundizzjonijiet stabbiliti fiha.

Il-Kummissjoni għandha tiżgura li l-applikanti għall-assistenza finanzjarja taħt din id-Deċiżjoni u l-benefiċjarji ta' tali assistenza jipprovduha b'informazzjoni dwar l-assistenza finanzjarja li jirċievu minn sorsi oħra, inkluż il-baġit ġenerali tal-Unjoni, u dwar applikazzjonijiet pendenti għal tali assistenza.

2. Għandhom jitfittxu sinerġiji u kumplimentarjetà ma' strumenti oħrajn tal-Unjoni bħal dawk li jappoġġaw politiki ta' koeżjoni, tal-iżvilupp rurali, tar-riċerka, tas-saħħa, kif ukoll tal-migrazzjoni u tas-sigurtà. Fil-każ ta' reazzjoni għal kriżijiet umanitarji f'pajjiżi terzi, il-Kummissjoni għandha tiżgura l-kumplimentarjetà u l-koerenza ta' azzjonijiet iffinanzjati skont din id-Deċiżjoni u azzjonijiet iffinanzjati skont ir-Regolament (KE) Nru 1257/96."

(16) fl-Artikolu 28, il-paragrafu 3 jinbidel b'dan li ġej:

"3. Organizzazzjonijiet internazzjonali, organizzazzjonijiet reġjonali jew pajjiżi li jifformaw parti mill-Politika Ewropea tal-Viċinat jistgħu jikkooperaw f'attivitajiet taħt

il-Mekkaniżmu tal-Unjoni fejn ftehimiet bilaterali jew multilaterali rilevanti jippermettu dan.

(17) fl-Artikolu 32, il-punti (g) u (h) tal-paragrafu 1 jinbidlu b'dan li ġej:

"(g) l-istabbiliment, il-ġestjoni u l-manteniment tar-rescEU, kif previst fl-Artikolu 12, inkluż kriterji għal deċiżjonijiet ta' mobilizzazzjoni u proċeduri operattivi;

(h) l-istabbiliment u l-organizzazzjoni tan-Netwerk tal-Unjoni ta' Għarfien dwar il-Protezzjoni Ċivili, kif previst fl-Artikolu 13;"

*Artikolu 2*

Din id-Deċiżjoni hija indirizzata lill-Istati Membri.

Magħmul fi Brussell,

*Għall-Parlament Ewropew*
*Il-President*

*Għall-Kunsill*
*Il-President*

<u>**DIKJARAZZJONI FINANZJARJA LEĠIŻLATTIVA**</u>


**1. QAFAS TAL-PROPOSTA/INIZJATTIVA**

1.1. Titolu tal-proposta/inizjattiva

1.2. Qasam/oqsma ta' politika kkonċernat(i) fl-istruttura ABM/ABB

1.3. Natura tal-proposta/inizjattiva

1.4. Objettiv(i)

1.5. Raġunijiet għall-proposta/inizjattiva

1.6. Id-durata u l-impatt finanzjarju

1.7. Metodu/i ta' ġestjoni ppjanat(i)

**2. MIŻURI TA' ĠESTJONI**

2.1. Regoli dwar il-ġestjoni u r-rappurtar

2.2. Sistema ta' ġestjoni u kontroll

2.3. Miżuri għall-prevenzjoni tal-frodi u l-irregolaritajiet

**3. L-IMPATT FINANZJARJU STMAT TAL-PROPOSTA/INIZJATTIVA**

3.1. Intestatura/i tal-qafas finanzjarju pluriennali u l-linja/i baġitarja/i tan-nefqa affettwata/i

3.2. L-impatt stmat fuq in-nefqa

*3.2.1. Sommarju tal-impatt stmat fuq in-nefqa*

*3.2.2. Stima tal-impatt fuq l-approprjazzjonijiet operattivi*

*3.2.3. Stima tal-impatt fuq l-approprjazzjonijiet ta' natura amministrattiva*

*3.2.4. Kompatibbiltà mal-qafas finanzjarju pluriennali attwali*

*3.2.5. Il-kontribuzzjonijiet ta' partijiet terzi*

3.3. L-impatt stmat fuq id-dħul

# DIKJARAZZJONI FINANZJARJA LEĠIŻLATTIVA

## 1. QAFAS TAL-PROPOSTA/INIZJATTIVA

### 1.1. Titolu tal-proposta/inizjattiva

| |
|---|
| Proposta għal reviżjoni tad-Deċiżjoni Nru 1313/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar Mekkaniżmu tal-Unjoni għall-Protezzjoni Ċivili |

### 1.2. Qasam/oqsma ta' politika kkonċernat(i) fl-istruttura ta' ABM/ABB[16]

| |
|---|
| 23 01 – NEFQA AMMINISTRATTIVA TAL-QASAM TA' POLITIKA "GĦAJNUNA UMANITARJA U PROTEZZJONI ĊIVILI" |
| 23 03 - IL-MEKKANIŻMU TAL-UNJONI GĦALL-PROTEZZJONI ĊIVILI |

### 1.3. Natura tal-proposta/inizjattiva

☐ Il-proposta/l-inizjattiva tirrigwarda **azzjoni ġdida**

☐ Il-proposta/l-inizjattiva tirrigwarda **azzjoni ġdida b'segwitu għal proġett pilota/azzjoni preparatorja**[17]

X Il-proposta/l-inizjattiva tirrigwarda **l-estensjoni ta' azzjoni eżistenti**

☐ Il-proposta/l-inizjattiva tirrigwarda **azzjoni mibdula f'azzjoni ġdida**

### 1.4. Objettiv(i)

#### 1.4.1. L-objettiv(i) strateġiku/strateġiċi pluriennali tal-Kummissjoni fil-mira tal-proposta/inizjattiva

| |
|---|
| Id-Deċiżjoni għandha l-objettiv globali li ssaħħaħ il-kooperazzjoni bejn l-Unjoni u l-Istati Membri u li tiffaċilita l-koordinazzjoni fil-qasam tal-protezzjoni ċivili waqt il-prevenzjoni, it-tħejjija u r-rispons għal diżastri naturali u kkawżati mill-bniedem |

#### 1.4.2. Objettiv(i) speċifiku/speċifiċi u l-attività/attivitajiet ABM/ABB ikkonċernata/i

| |
|---|
| <u>Objettiv speċifiku Nru 1</u><br>Li jintlaħaq livell għoli ta' protezzjoni kontra d-diżastri billi jiġu impeduti jew imnaqqsa l-effetti potenzjali tagħhom, billi tiġi mrawma kultura ta' prevenzjoni u billi tittejjeb il-kooperazzjoni bejn il-protezzjoni ċivili u servizzi rilevanti oħrajn;<br><u>Objettiv speċifiku Nru 2</u><br>Li tittejjeb it-tħejjija fil-livell tal-Istati Membri u l-Unjoni għal rispons għal diżastri;<br><u>Objettiv speċifiku Nru 3</u><br>Li jiġi ffaċilitat ir-rispons ta' malajr u effiċjenti f'każ ta' diżastri jew diażastri imminenti;<br><u>Objettiv speċifiku Nru 4</u><br>Li jiżdied l-għarfien tal-pubbliku u s-sens ta' tħejjija għal diżastri. |

[16] ABM: ġestjoni bbażata fuq l-attività; ABB: ibbaġitjar ibbażat fuq l-attività.

[17] Kif imsemmi fl-Artikolu 54(2)(a) jew (b) tar-Regolament Finanzjarju.

| |
|---|
| <u>Attività/attivitajiet ABM/ABB ikkonċernata/i</u> |
| 23 01 – NEFQA AMMINISTRATTIVA TAL-QASAM TA’ POLITIKA “GĦAJNUNA UMANITARJA U PROTEZZJONI ĊIVILI” |
| 23 03 - IL-MEKKANIŻMU TAL-UNJONI GĦALL-PROTEZZJONI ĊIVILI |

1.4.3. Ir-riżultat(i) u l-impatt mistennija

*Speċifika l-effetti li jeħtieġ li jkollha l-proposta/inizjattiva fuq il-benefiċjarji/gruppi fil-mira.*

Il-proposta se:

tippermetti lill-Unjoni tappoġġa, tikkoordina u tissupplimenta l-azzjonijiet tal-Istati Membri fil-qasam tal-protezzjoni ċivili permezz ta' Mekkaniżmu tal-Unjoni għall-Protezzjoni Ċivili (l-UCPM jew "il-Mekkaniżmu") matul il-QFP ta' bejn l-2014 u l-2020, inkluż b'mod partikolari:

a) miżuri għall-prevenzjoni jew it-tnaqqis tal-effetti tad-diżastri;

b) azzjonijiet imfassla biex itejbu l-istat ta' tħejjija tal-UE għar-rispons għad-diżastri, inkluż azzjonijiet li jsaħħu l-għarfien taċ-ċittadini tal-UE; kif ukoll

c) azzjonijiet fil-qasam tal-interventi ta' assistenza f'diżastri taħt il-Mekkaniżmu.

Il-Mekkaniżmu attwali wera li huwa għodda tajba għall-mobilizzazzjoni u l-koordinazzjoni tal-assistenza pprovduta mill-Istati Parteċipanti biex jirrispondu għal diżastri fl-Unjoni jew barra minnha. Filwaqt li tibni fuq dawn il-punti b'saħħithom, din il-proposta se ssaħħaħ id-dispożizzjonijiet tal-qafas attwali biex ittejjeb il-kapaċità kollettiva tal-Istati Membri biex dawn jirrispondu għal diżastri bil-ħolqien ta' kapaċità ta' protezzjoni ċivili Ewropea aktar b'saħħitha, u li jeħtieġ li tkun magħrufa bħala r-rescEU. Din il-kapaċità ta' riżerva ġdida, kif ukoll rati ta' kofinanzjament ogħla għar-Riżerva Ewropea ta' Protezzjoni Ċivili (li qabel kien magħruf bħala l-Kapaċità Ewropea għal Reazzjoni f'każ ta' Emerġenza, l-EERC) se tindirizza n-nuqqasijiet strutturali u emerġenti f'kapaċitajiet ta' rispons kritiċi. Din l-inizjattiva se tgħin ukoll fir-rinfurzar tal-koerenza interna tal-Mekkaniżmu, kif ukoll biex dan jitjieb fl-effiċjenza permezz tas-simplifikazzjoni amministrattiva u s-simplifikazzjoni tal-proċeduri.

1.4.4. Indikaturi tar-riżultati u l-impatt

*Speċifika l-indikaturi għall-monitoraġġ tal-implimentazzjoni tal-proposta/inizjattiva.*

<u>Objettiv speċifiku</u>: <u>li jinkiseb livell għoli ta' protezzjoni kontra d-diżastri bil-prevenzjoni jew it-tnaqqis tal-effetti tagħhom u billi titrawwem kultura ta' prevenzjoni</u>:

1. L-għadd ta' Stati Membri li ssottomettew valutazzjonijiet ta' riskju nazzjonali u kapaċità ta' ġestjoni tar-riskju ta' diżastri;

2. L-għadd ta' Stati Membri li ssottomettew sommarju tagħhom tal-ippjanar tal-ġestjoni ta' diżastri;

<u>Objettiv speċifiku</u>: <u>Li jissaħħaħ l-istat ta' tħejjija tal-Unjoni fir-rispons għad-diżastri:</u>

1. L-għadd ta' esperti mħarrġa mill-UCPM li jiġu mobilizzati f'missjoni ta' rispons tal-UCPM

2. L-għadd ta' Skambji ta' Esperti fl-UE u mal-Viċinat;

3. L-għadd u t-tip ta' assi miksuba li se jsiru parti mir-rescEU;

4. L-għadd u t-tip ta' assi ċċertifikati biex jinġabru mar-Riżerva Ewropea ta' Protezzjoni Ċivili;

5. L-għadd ta' Stati Membri li jimpenjaw assi għar-Riżerva Ewropea ta' Protezzjoni Ċivili;

6. L-għadd ta' missjonijiet tar-rescEU kontra l-għadd totali ta' missjonijiet ta' rispons tar-Riżerva Ewropea ta' Protezzjoni Ċivili.

Objettiv speċifiku: Li jiġu ffaċilitati l-interventi rapidi u effiċjenti ta' rispons għall-emerġenza meta jseħħu diżastri kbar jew fl-imminenza tagħhom:

1. Ħeffa tal-operazzjonijiet: il-ħin bejn it-talba għall-assistenza u l-mobilizzazzjoni tal-assistenza fuq il-post, kif ukoll l-operabbiltà sħiħa tat-timijiet ta' valutazzjoni/koordinazzjoni;

2. il-proporzjon bejn l-assi stazzjonati mir-rescEU u l-assi stazzjonati mir-Riżerva Ewropea ta' Protezzjoni Ċivili;

3. L-għadd ta' għotjiet ta' trasport u s-servizzi;

4. L-ammonti ta' finanzjament tal-UE għall-operazzjonijiet tar-rescEU fl-UE u barra minnha (spejjeż operazzjonali u tat-trasport f'ċirkostanzi eċċezzjonali);

5. L-ammonti ta' kofinanzjament tal-UE għall-operazzjoniijiet tar-Riżerva Ewropea ta' Protezzjoni Ċivili fl-Ewropa u barra minnha (operazzjonijiet tat-trasport);

6. L-ammont globali ta' kofinanzjament tal-UE pprovdut lill-Istat Membru

7. L-għadd ta' okkorrenzi fejn intuża l-ippuljar kontra l-għadd globali ta' missjonijiet tal-UCPM

Objettiv Speċifiku Nru 4: "Li jiżdiedu l-għarfien pubbliku u t-tħejjija għad-diżastri"

1. L-għadd ta' parteċipanti/viżitaturi tas-sit web għal SPP tal-għarfien tar-riskju ffinanzjati mill-UCPM

2. L-għarfien taċ-ċittadini tal-UE dwar il-UCPM (stħarriġ taċ-ċittadini tal-UE)

1.5. Raġunijiet għall-proposta/inizjattiva

1.5.1. Rekwiżit(i) li għandu/hom jiġi/u ssodisfat(i) f'terminu qasir jew twil

Il-protezzjoni ċivili Ewropea żviluppat malajr tul l-aħħar snin. Sa mill-ħolqien tal-ewwel mekkaniżmu fl-2001 (il-Mekkaniżmu Komunitarju tal-Protezzjoni Ċivili) sas-sitwazzjoni attwali, il-protezzjoni ċivili fil-livell tal-UE rat is-sisien legali tagħha rinfurzati (referenza għat-trattat speċifiku mit-trattat ta' Lisbona fl-2009), u l-kapaċità operazzjonali tagħha mtejba (il-ħolqien tal-EERC/EMC, iċ-Ċentru ta' Koordinazzjoni għal Rispons ta' Emerġenza - ERCC, eċċ.). L-UCPM attwali pprovda assistenza lil emerġenzi aktar minn 80 darba kemm fl-Ewropa kif ukoll lil hinn minnha, ikkontribwixxa għall-iżvilupp u t-tixrid tan-know-how u l-għarfien dwar il-ġestjoni tad-diżastri, u rawwem kultura ta' prevenzjoni fost l-Istati Parteċipanti.

Madanakollu, l-Evalwazzjoni *Interim* li twettqet reċentement, kif ukoll rapporti u dokumenti oħra ewlenin identifikaw diversi oqsma fejn seta' jsir titjib. Fid-dawl ta' dan, din il-proposta timmira li temenda l-leġiżlazzjoni attwali bil-għan li tikseb l-objettivi li ġejjin:

a) Tissaħħaħ l-abbiltà kollettiva tal-Unjoni u l-Istati Membri biex jirrispondu għal diżastri, u jindirizzaw in-nuqqasijiet fil-kapaċità rikorrenti u emerġenti, speċjalment permezz tal-ħolqien ta' riżerva ddedikata ta' kapaċitajiet ta' rispons li jeħtieġ li tkun magħrufa bħala rescEU;

b) Tissaħħaħ l-enfasi fuq il-prevenzjoni bħala parti miċ-ċiklu ta' ġestjoni tar-riskju ta' diżastri, kif ukoll tirrinforza l-koerenza ma' politiki oħra ewlenin tal-UE billi taġixxi fil-qasam tal-prevenzjoni tad-diżastri u rispons għal diżastri;

c) Jiġi żgurat li l-Mekkaniżmu tal-Unjoni jkun wieħed aġili u effettiv fil-proċeduri amministrattivi tiegħu bħala appoġġ għal operazzjonijiet ta' emerġenza.

1.5.2. Il-valur miżjud tal-involviment tal-UE

Il-valur miżjud tal-UE jieħu l-forma ta':

- Tnaqqis tat-telf ta' ħajja umana u tad-danni ambjentali, ekonomiċi u materjali.

- Koordinazzjoni aħjar tal-attivitajiet tal-protezzjoni ċivili billi l-offerti kollha ta' assistenza jiġu kkomunikati permezz tal-ERCC għall-aċċettazzjoni mill-awtoritajiet tal-Istat affettwat.

- Il-kosteffettività billi l-assistenza aċċettata mill-Istat affettwat tista' tiġi ppuljata bl-assistenza ta' pajjiżi oħra permezz tal-proċedura tat-trasport.

- Effiċjenza mtejba permezz ta' livell ogħla ta' preparazzjoni u politika tal-ġestjoni tar-riskju tad-diżastri aktar koerenti;

- Reazzjoni koerenti u effettiva permezz tal-ħolqien tar-rescEU biex tgħin kullimkien fl-UE u fil-Pajjiżi parteċipanti meta dan ikun meħtieġ;

- Viżibbiltà aħjar tar-rispons tal-UE għad-diżastri;

- Użu aħjar tar-riżorsi skarsi bil-qsim tal-assi ffinanzjati mill-UE.

- It-tisħiħ tal-koordinazzjoni reġjonali u l-qsim tal-għarfien permezz tal-iżvilupp ta' netwerk ta' ċentri tal-protezzjoni ċivili tal-UE.

1.5.3. Tagħlimiet meħuda minn esperjenzi simili fl-imgħoddi

Dawn il-proposti jibnu fuq:

- Evalwazzjoni *Interim* tal-UCPM (bejn l-2014 u l-2016, imwettqa minn konsulent estern. Awwissu 2017.

- Il-Qorti Ewropea tal-Awdituri, "Il-Mekkaniżmu tal-Unjoni għall-Protezzjoni Ċivili: il-koordinazzjoni tar-rispons għal diżastri li seħħew barra mit-territorju tal-UE kienet effettiva f'termini ġenerali", Rapport Speċjali Nru 33/2016;

- Id-Dokument ta' Ħidma tal-Persunal, "Overview of Natural and Man-made Disaster Risks the European Union may face, SWD(2017) 176 final, 23.05.2017;

- Ir-Rapport mill-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill dwar progress li sar u defiċits li jifdal fil-Kapaċità Ewropea għal Reazzjoni f'każ ta' Emerġenza, COM(2017)78 finali, 17.02.2017. Esperjenza miksuba f'emerġenzi li ttratta l-Mekkaniżmu sa mill-ħolqien tiegħu fl-2001;

- L-esperjenza miksuba b'riżultat tal-proġetti ffinanzjati fil-qafas tas-sejħiet imnedija sa mill-2013 fil-qasam tat-tħejjija u l-prevenzjoni;

- L-esperjenza miksuba b'riżultat tal-proġett pilota ffinanzjat fil-qafas ta' sejħa mnedija fl-2008 "Sejħa għal proposta għal proġett pilota għat-tisħiħ tal-kooperazzjoni bejn l-Istati Membri fil-ġlieda kontra n-nirien fil-foresti";

1.5.4. Il-kompatibbiltà u s-sinerġija possibbli ma' strumenti oħra xierqa

Konsistenza ma':

- ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1257/96 tal-20 ta' Ġunju 1996 rigward l-għajnuna umanitarja;

- ir-Regolament (KE) Nru 1406/2002 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-27 ta' Ġunju 2002 li jistabbilixxi l-Aġenzija Marittima Ewropea tas-Sigurtà;

- ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 2012/2002 tal-11 ta' Novembru 2002 li jistabbilixxi l-Fond ta' Solidarjetà tal-Unjoni Ewropea;

| |
|---|
| - ir-Regolament (KE) Nru 1717/2006 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-15 ta’ Novembru 2006 li jistabbilixxi Strument għall-Istabbiltà;<br>- id-Deċiżjoni Nru 1313/2013/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-17 ta’ Diċembru 2013 dwar Mekkaniżmu tal-Unjoni għall-Protezzjoni Ċivili;<br>- ir-Regolament (UE) Nru 375/2014 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-3 ta’ April 2014 li jistabbilixxi l-Korp Volontarju Ewropew ta’ Għajnuna Umanitarja ( “l-Inizjattiva Voluntiera tal-Għajnuna tal-UE”);<br>- ir-Regolament tal-Kunsill (UE) 2016/369 tal-15 ta’ Marzu 2016 dwar l-għoti ta’ appoġġ ta’ emerġenza fl-Unjoni |

1.6. Id-durata u l-impatt finanzjarju

☐ Proposta/inizjattiva ta' **durata limitata**

☐ Proposta/inizjattiva b'effett minn [DD/MM]YYYY sa [DD/MM]YYYY

☐Impatt finanzjarju minn [DD/MM]YYYY sa [DD/MM]YYYY

X Proposta/inizjattiva ta' **durata mhux limitata**

X Implimentazzjoni b'perjodu ta' bidu mill-1/01/2018 sal-31/12/2020,

Segwita minn operazzjoni tal-iskala sħiħa.

1.7. Mod(i) ta' ġestjoni ppjanat(i)[18]

X **Ġestjoni diretta** mill-Kummissjoni

X mid-dipartimenti tagħha, inkluż mill-persunal tagħha fid-delegazzjonijiet tal-Unjoni;

☐ mill-aġenziji eżekuttivi

☐ **Ġestjoni kondiviża** mal-Istati Membri

X **Ġestjoni indiretta** billi l-kompiti tal-implimentazzjoni tal-baġit jiġu fdati lil:

☐ pajjiżi terzi jew il-korpi maħtura minnhom;

X organizzazzjonijiet internazzjonali u l-aġenziji tagħhom (iridu jiġu speċifikati);

☐il-BEI u l-Fond Ewropew tal-Investiment;

☐ il-korpi msemmija fl-Artikoli 208 u 209 tar-Regolament Finanzjarju;

☐ korpi rregolati bil-liġi pubblika;

☐ korpi rregolati bil-liġi privata b'missjoni ta' servizz pubbliku safejn jipprovdu garanziji finanzjarji adegwati;

☐ korpi rregolati bil-liġi privata ta' Stat Membru li huma fdati bl-implimentazzjoni ta' sħubija pubblika-privata u li jipprovdu garanziji finanzjarji adegwati;

☐ persuni fdati bl-implimentazzjoni ta' azzjonijiet speċifiċi fil-PESK skont it-Titolu V tat-TUE u identifikati fl-att bażiku rilevanti.

*Jekk jiġi indikat iżjed minn mod wieħed ta' ġestjoni, jekk jogħġbok ipprovdi d-dettalji fit-taqsima "Kummenti".*

Kummenti

[…]

[…]

[18] Id-dettalji tal-modi ta' ġestjoni u r-referenzi għar-Regolament Finanzjarju jinsabu fuq is-sit tal-BudgWeb: http://www.cc.cec/budg/man/budgmanag/budgmanag_mt.html

## 2. MIŻURI TA' ĠESTJONI

### 2.1. Regoli dwar il-monitoraġġ u r-rappurtar

*Speċifika l-frekwenza u l-kundizzjonijiet.*

L-azzjonijiet u l-miżuri li jirċievu assistenza finanzjarja taħt dawn id-Deċiżjonijiet għandhom jiġu mmonitorjati regolarment.

Il-Kummissjoni għandha tħejji u tibgħat lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill:

- rapport *interim* ta' evalwazzjoni mhux aktar tard mit-30 ta' Ġunju 2017, (diġà lest);

- Komunikazzjoni dwar il-kontinwazzjoni tal-implimentazzjoni ta' din id-Deċiżjoni sa mhux aktar tard mill-31 ta' Diċembru 2018;

rapport ta' evalwazzjoni *ex post* mhux sa mhux aktar tard mill-31 ta' Diċembru 2021.

### 2.2. Sistema ta' ġestjoni u kontroll

#### 2.2.1. Riskju/i identifikat(i)

Fid-dawl tar-rwol usa' assenjat liċ-Ċentru ta' Koordinazzjoni għal Rispons ta' Emerġenza, f'każ li ma jiġux ipprovduti karigi biżżejjed, in-nuqqas ta' persunal jista' jwassal sabiex dan ma jkunx jista'

- jirrispondi għall-isfidi kollha li jinħolqu miż-żieda fl-għadd ta' operazzjonijiet tal-protezzjoni ċivili, u għall-esiġenzi politiċi kollha taħt l-Arranġamenti Integrati għal Rispons Politiku f'Sitwazzjonijiet ta' Kriżi (l-IPCR) u l-Klawżola ta' Solidarjetà;
- jiżviluppa/iżid l-attivitajiet;
- jibbenefika/jiżviluppa sistemi teknoloġiċi ġodda li jiżguraw id-disponibbiltà mingħajr interruzzjoni;
- jirreaġixxi b'mod xieraq għal emerġenzi imminenti tal-Protezzjoni Ċivili;
- jimplimenta b'mod adegwat is-sistema ta' kontroll intern kif deskritt f'2.2.2.

#### 2.2.2. Informazzjoni li tikkonċerna s-sistema ta' kontroll intern stabbilita.

Huwa previst li s-sistema ta' kontroll intern tad-DĠ ECHO tintuża biex tiggarantixxi li fondi disponibbli taħt l-istrument il-ġdid jintużaw sewwa u skont il-leġiżlazzjoni xierqa.

L-istruttura tas-sistema attwali hija kif ġej:

1. Sistema ta' kontroll intern fid-DĠ ECHO, li tiffoka fuq il-konformità ma' proċeduri amministrattivi validi u mal-leġiżlazzjoni fis-seħħ fil-qasam tal-protezzjoni ċivili. Il-Qafas ta' Kontroll Intern tal-Kummissjoni jintuża għal dan il-għan.

2. Awditu regolari ta' għotjiet u kuntratti, mogħtija taħt l-Isturment, minn awdituri esterni tad-DĠ ECHO, inkorporati kompletament fil-Pjan tal-Awditu Annwali tad-DĠ ECHO;

3. Evalwazzjoni tal-attivitajiet mis-sħab esterni

L-azzjonijiet jistgħu jiġu awditjati wkoll mill-OLAF (każijiet ta' frodi) u l-Qorti tal-Awdituri.

#### 2.2.3. Stima tal-ispejjeż u tal-benefiċċji tal-kontrolli u valutazzjoni tal-livell tar-riskju ta' erruri mistenni

L-ispiża stmata tal-istrateġija ta' kontroll tad-DĠ ECHO tirrappreżenta 1.9 % tal-baġit għall-2016. L-elementi prinċipali ta' dan l-indikatur huma:

- Tt-total tal-ispejjeż tal-persunal tal-esperti tad-DĠ ECHO f'dan il-qasam, flimkien ma' dawk tal-unitajiet finanzjarji u operazzjonali mmultiplikat bit-tul ta' ħin stmat (50 %) iddedikat għall-attivitajiet tal-assigurazzjoni tal-kwalità, il-kontroll u l-monitoraġġ;

- ir-riżorsi totali fis-settur tal-awditjar estern tad-DĠ ECHO iddedikati għall-awditi u l-verifiki

Meta jitqies l-ispiża limitata ħafna ta' tali kontrolli flimkien mal-benefiċċji kwantifikabbli (korrezzjonijiet u rkupri) u mhux kwantifikabbli (l-effett ta' deterrent u l-effett ta' assigurazzjoni tal-kwalità tal-kontrolli) marbuta magħhom, il-Kummissjoni tista' tikkonkludi li l-benefiċċji kwantifikabbli u mhux kwantifikabbli li jirriżultaw mill-kontrolli jisbqu l-ispiża limitata tagħhom.

Dan huwa kkonfermat mir-rata pluriennali ta' erruri residwi ta' 1.02 % irrappurtata mill-Kummissjoni fl-2016 għad-dipartiment tagħha għall-għajnuna umanitarja u l-protezzjoni ċivili.

## 2.3. Miżuri għall-prevenzjoni tal-frodi u l-irregolaritajiet

*Speċifika l-miżuri ta' prevenzjoni jew protezzjoni eżistenti jew previsti.*

L-istrateġija ta' kontra l-frodi tad-DĠ ECHO, li hija konformi mal-istrateġija ta' kontra l-frodi tal-Kummissjoni (il-CAFS), tintuża sabiex tiżgura fost l-oħrajn li:

- il-kontrolli interni relatati mal-ġlieda kontra l-frodi tad-DĠ ECHO ikunu totalment allinjati mas-CAFS;

- l-approċċ tal-ġestjoni tar-riskju ta' frodi tad-DĠ ECHO ikun immirat sabiex jidentifika żoni f'riskju ta' frodi u rispons adegwat.

Is-sistemi użati biex jintnefqu l-fondi tal-UE f'pajjiżi terzi jippermettu li tiġi rkuprata *data* rilevanti bil-ħsieb li din id-*data* tintuża għall-ġestjoni tar-riskju tal-frodi (eż. il-finanzjament doppju).

Fejn meħtieġ, se jiġu stabbiliti gruppi ta' netwerking u għodda tal-IT xierqa ddedikati għall-analiżi ta' każijiet ta' frodi relatati mas-settur.

## 3. L-IMPATT FINANZJARJU STMAT TAL-PROPOSTA/INIZJATTIVA

### 3.1. Intestatura/i tal-qafas finanzjarju pluriennali u l-linja/i baġitarja/i tan-nefqa affettwati

Linji baġitarji eżistenti

Fl-ordni tal-intestaturi tal-qafas finanzjarju pluriennali u linji baġitarji.

| Intestatura tal-qafas finanzjarju pluriennali | Linja baġitarja | Tip ta' nefqa | Kontribuzzjoni | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|
| | Numru u Titolu | Diff./Mhux diff[19]. | minn pajjiżi tal-EFTA[20] | minn pajjiżi kandidati[21] | minn pajjiżi terzi | fis-sens tal-Artikolu 21(2)(b) tar-Regolament Finanzjarju |
| 3 | 23 03 01 01 - Prevenzjoni ta' diżastri u preparazzjoni fl-Unjoni | Diff. | IVA | IVA | LE | LE |
| 4 | 23 03 01 01 - Prevenzjoni ta' diżastri u preparazzjoni f'pajjiżi terzi. | Diff. | IVA | IVA | LE | LE |
| 3 | 23 03 02 01 Interventi rapidi u effiċjenti ta' rispons ta' emerġenza f'każ ta' diżastri kbar fl-Unjoni | Diff. | IVA | IVA | LE | LE |
| 4 | 23 03 02 02 - Interventi rapidi u effiċjenti ta' rispons ta' emerġenza f'każ ta' diżastri kbar f'pajjiżi terzi | Diff. | IVA | IVA | LE | LE |
| 4 | 23 01 04 - Nefqa ta' sostenn għal operazzjonijiet u programmi fil-qasam ta' politika "Għajnuna umanitarja u protezzjoni ċivili" | Mhux diff. | LE | LE | LE | LE |

19 Diff. = Approprjazzjonijiet differenzjati / Mhux diff. = Approprjazzjonijiet mhux differenzjati.

20 EFTA: Assoċjazzjoni Ewropea tal-Kummerċ Ħieles.

21 Pajjiżi kandidati u, meta dan ikun applikabbli, pajjiżi kandidati potenzjali mill-Balkani tal-Punent.

3.2. L-impatt stmat fuq in-nefqa

3.2.1. Sommarju tal-impatt stmat fuq in-nefqa

Miljuni ta' EUR (sa tliet punti deċimali)

| **Intestatura tal-qafas finanzjarju pluriennali** | Numru | Intestatura 3 Sigurtà u Ċittadinanza |
|---|---|---|

| **DĠ ECHO – Operazzjonijiet tal-Għajnuna tal-Protezzjoni Ċivili u Umanitarja Ewropej** | | | 2018 | 2019 | 2020 | **TOTAL** |
|---|---|---|---|---|---|---|
| • Approprjazzjonijiet operattivi | | | | | | |
| 23 03 01 01 | Impenji | (1) | 14,000 | 105,900 | 109,279 | **229.179** |
| | Pagamenti | (2) | 7,000 | 46,560 | 104.395 | **157.955** |
| 23 03 02 01 | Impenji | (1a) | 5,157 | 9,300 | 13,218 | **27,675** |
| | Pagamenti | (2a) | 4,000 | 10,000 | 11,000 | **25,000** |
| Approprjazzjonijiet ta' natura amministrattiva ffinanzjati mill-pakkett ta' programmi speċifiċi[22] | | | | | | |
| Numru tal-linja baġitarja | | (3) | 2018 | 2019 | 2020 | **TOTAL** |
| **Approprjazzjonijiet TOTALI għad-DĠ ECHO** | Impenji | =1+1a +3 | 19,157 | 115,200 | 122,497 | **256,854** |
| | Pagamenti | =2+2a +3 | 11,000 | 56,560 | 115,395 | **182,955** |

[22] Assistenza teknika u/jew amministrattiva u nefqa biex tappoġġa l-implimentazzjoni ta' programmi u/jew ta' azzjonijiet tal-UE (dawk li kienu l-linji "BA"), riċerka indiretta, riċerka diretta.

| | | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|
| • Approprjazzjonijiet operattivi TOTALI | Impenji | (4) | 19,157 | 115,200 | 122,497 | **256,854** |
| | Pagamenti | (5) | 11,000 | 56,560 | 115,395 | **182,955** |
| • Approprjazzjonijiet TOTALI ta' natura amministrattiva ffinanzjati mill-pakkett għal programmi speċifiċi | | (6) | 0 | 0 | 0 | **TOTAL** |
| **Approprjazzjonijiet TOTALI taħt l-INTESTATURA 3** tal-qafas finanzjarju pluriennali | Impenji | =4+ 6 | 19,157 | 115,200 | 122,497 | **256,854** |
| | Pagamenti | =5+ 6 | 11,000 | 56,560 | 115,395 | **182,955** |

Miljuni ta' EUR (sa tliet punti deċimali)

| **Intestatura tal-qafas finanzjarju pluriennali** | Numru | Intestatura 4 Ewropa Globali |
|---|---|---|

| **DĠ ECHO – Protezzjoni Ċivili u Operazzjonijiet tal-Għajnuna Umanitarja Ewropej** | | | 2018 | 2019 | 2020 | **TOTAL** |
|---|---|---|---|---|---|---|
| • Approprjazzjonijiet operattivi | | | | | | |
| 23 03 01 02 | Impenji | (1) | - | - | - | **-** |
| | Pagamenti | (2) | - | - | - | **-** |
| 23 03 02 02 | Impenji | (1a) | 2 | 2 | 2,284 | **6,284** |
| | Pagamenti | (2a) | 0,8 | 1,8 | 2,014 | **4,614** |
| Approprjazzjonijiet ta' natura amministrattiva ffinanzjati mill-pakkett ta' programmi speċifiċi[23] | | | | | | |

23 Assistenza teknika u/jew amministrattiva u nefqa biex tappoġġa l-implimentazzjoni ta' programmi u/jew ta' azzjonijiet tal-UE (dawk li kienu l-linji "BA"), riċerka indiretta, riċerka diretta.

| Numru tal-linja baġitarja | | (3) | 2018 | 2019 | 2020 | **TOTAL** |
|---|---|---|---|---|---|---|
| **Approprjazzjonijiet TOTALI għad-DĠ ECHO** | Impenji | =1+1a +3 | 2 | 2 | 2,284 | **6,284** |
| | Pagamenti | =2+2a +3 | 0,8 | 1,8 | 2,014 | **4,614** |

| | | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|
| • Approprjazzjonijiet operattivi TOTALI | Impenji | (4) | 2 | 2 | 2,284 | **6,284** |
| | Pagamenti | (5) | 0,8 | 1,8 | 2,014 | **4,614** |
| • Approprjazzjonijiet TOTALI ta' natura amministrattiva ffinanzjati mill-pakkett għal programmi speċifiċi | | (6) | 0 | 0 | 0 | **TOTAL** |
| **Approprjazzjonijiet TOTALI taħt l-INTESTATURA 4** tal-qafas finanzjarju pluriennali | Impenji | =4+ 6 | 2 | 2 | 2,284 | **6,284** |
| | Pagamenti | =5+ 6 | 0,8 | 1,8 | 2,014 | **4,614** |

| | | |
|---|---|---|
| **Intestatura tal-qafas finanzjarju pluriennali** | **5** | "Nefqa amministrattiva" |

Miljuni ta' EUR (sa tliet punti deċimali)

| | | 2018 | 2019 | 2020 | TOTAL |
|---|---|---|---|---|---|
| **DĠ ECHO – Protezzjoni Ċivili u Operazzjonijiet tal-Għajnuna Umanitarja Ewropej** | | | | | |
| • Riżorsi umani | | 1,682 | 5,034 | 9,436 | **16,152** |
| • Nefqa amministrattiva oħra | | 0,1500 | 0,230 | 0,330 | **0,710** |
| **TOTAL** DĠ ECHO | Approprjazzjonijiet | 1,832 | 5,264 | 9,766 | **16,862** |

| | | 2018 | 2019 | 2020 | TOTAL |
|---|---|---|---|---|---|
| **Approprjazzjonijiet TOTALI taħt l-INTESTATURA 5** tal-qafas finanzjarju pluriennali | (Impenji totali = Pagamenti totali) | 1,832 | 5,264 | 9,766 | **16,862** |

Miljuni ta' EUR (sa tliet punti deċimali)

| | | 2018 | 2019 | 2020 | TOTAL |
|---|---|---|---|---|---|
| **Approprjazzjonijiet TOTALI taħt l-INTESTATURI minn 1 sa 5** tal-qafas finanzjarju pluriennali | Impenji | 22,989 | 122,464 | 134,547 | **280,000** |
| | Pagamenti | 13,632 | 63,624 | 127,174 | **204,430** |

3.2.2. Stima tal-impatt fuq l-approprjazzjonijiet operattivi

☐ Il-proposta/l-inizjattiva ma teħtieġx l-użu ta’ approprjazzjonijiet operattivi

☐ Il-proposta/l-inizjattiva teħtieġ l-użu ta’ approprjazzjonijiet operattivi, kif spjegat hawn taħt:

Approprjazzjonijiet ta’ impenn f’miljuni ta' EUR (sa tliet punti deċimali)

| **Indika l-objettivi u r-riżultati** ⇩ | | | Sena **2018** | | Sena **2019** | | Sena **2020** | | **TOTAL** | |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| | **RIŻULTATI** | | | | | | | | | |
| | Tip riżultat[24] | Kost medju tar-riżultat | Numru ta’ riżultati | Kost | Numru ta’ riżultati | Kost | Numru ta’ riżultati | Kost | Għadd totali ta’ riżultati | Total kost |
| OBJETTIV SPEĊIFIKU Nru 1 - Prevenzjoni[25]... | | | | | | | | | | |
| Għadd ta’ proġetti ffinanzjati għall- | Ftehimiet ta’ għotja | 0.3 | 15 | 3 | 15 | 3 | 15 | 3 | 45 | 9 |
| Studji | Għadd ta’ kuntratti | 0.1 | 5 | 0.5 | 5 | 0.5 | 5 | 0.5 | 15 | 1.5 |
| Subtotal għall-objettiv speċifiku Nru 1 | | | 20 | 3.5 | 20 | 3.5 | 20 | 3.5 | 60 | 10.5 |

24 Ir-riżultati huma prodotti u servizzi li jridu jiġu fornuti (eż.: l-għadd ta’ skambji ta’ studenti ffinanzjati, l-għadd ta’ kilometri ta’ toroq mibnija, eċċ.).

25 Kif deskritt fit-Taqsima 1.4.2. “Objettiv/i Speċifiku/ċi…”

| | | | | | | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| OBJETTIV SPEĊIFIKU Nru 2 - Preparazzjoni | | | | | | | | | | |
| Għadd ta' proġetti ffinanzjati għat-tħejjija (inkluż taħriġ u eżerċizzji) | Ftehimiet ta' għota u kuntratti | 0.5 | 100 | 5 | 100 | 5 | 100 | 5 | 300 | 15 |
| Sistemi ta' twissija bikrija | Għadd ta' arranġamenti | 1.25 | 2 | 2.5 | 2 | 2.5 | 2 | 2.5 | 6 | 7.5 |
| Kapaċità ta' Rispons f'każ ta' Emerġenza | Għadd ta' ftehimiet ta' għotjiet +kuntratti | 1 | 7 | 7 | 13 | 13 | 20 | 20 | 40 | 40 |
| Subtotal tal-objettiv speċifiku Nru 2 | | | 109 | 14.5 | 115 | 20.5 | 122 | 27.5 | 346 | 62.5 |
| | | | | | | | | | | |
| GĦAN SPEĊIFIKU Nru 3 – Rispons[26] | | | | | | | | | | |
| Mobilizzar tal-esperti | Għadd ta' kuntratti | 0.005 | 200 | 1 | 200 | 1 | 200 | 1 | 600 | 3 |
| Għadd ta' operazzjonijiet fl-UE | Ftehim ta' għotja/kuntratt ta' servizzi | 0.1 | 80 | 8 | 80 | 8 | 80 | 8 | 240 | 24 |

26 Kif deskritt fit-Taqsima 1.4.2. "Objettiv/i Speċifiku/ċi…"

| | | | | | | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| Għadd ta' operazzjonijiet tat-trasport barra mill-UE | Ftehim ta' għotja/kuntratt ta' servizzi | 0.13 | 40 | 5.2 | 40 | 5.2 | 40 | 5.2 | 120 | 15.6 |
| Subtotal għal objettiv speċifiku Nru 3 | | | 320 | 14.2 | 320 | 14.2 | 320 | 14.2 | 960 | 42.6 |
| **SPIŻA TOTALI** | | | 449 | 32.2 | 455 | 38.2 | 462 | 45.2 | 1366 | 115.6 |

### 3.2.3. Stima tal-impatt fuq l-approprjazzjonijiet ta’ natura amministrattiva

#### 3.2.3.1. Sommarju

☐ Il-proposta/l-inizjattiva ma teħtieġx l-użu ta’ approprjazzjonijiet ta’ natura amministrattiva

X Il-proposta/l-inizjattiva teħtieġ l-użu ta’ approprjazzjonijiet ta’ natura amministrattiva, kif spjegat hawn taħt:

Miljuni ta' EUR (sa tliet punti deċimali)

| | 2018 | 2019 | 2020 | **TOTAL** |
|---|---|---|---|---|
| **INTESTATURA 5 tal-qafas finanzjarju pluriennali** | | | | |
| Riżorsi umani | 1,682 | 5,034 | 9,436 | **16,152** |
| Nefqa amministrattiva oħra | 0,15 | 0,23 | 0,33 | **0,710** |
| **Subtotal għall-INTESTATURA 5 tal-qafas finanzjarju pluriennali** | 1,832 | 5,264 | 9,766 | **16,862** |
| **’Il barra mill-INTESTATURA 5[27] tal-qafas finanzjarju pluriennali** | | | | |
| Riżorsi umani | | | | |
| Nefqa oħra ta’ natura amministrattiva | | | | |
| **Subtotal ’Il barra mill-INTESTATURA 5 tal-qafas finanzjarju pluriennali** | 0 | 0 | 0 | 0 |
| **TOTAL** | 1,832 | 5,264 | 9,766 | **16,862** |

L-approprjazzjonijiet meħtieġa għar-riżorsi umani u għal infiq ieħor ta’ natura amministrattiva se jiġu ssodisfati b’approprjazzjonijiet mid-DĠ li huma diġà assenjati għall-ġestjoni tal-azzjoni u/jew kienu ġew ridistribwiti fid-DĠ, flimkien, jekk dan ikun neċessarju, ma’ kwalunkwe allokazzjoni addizzjonali li tista’ tingħata lid-DĠ tat-tmexxija skont il-proċedura annwali ta’ allokazzjoni u fid-dawl tal-limitazzjonijiet baġitarji.

[27] Assistenza teknika u/jew amministrattiva u nefqa biex tappoġġa l-implimentazzjoni ta’ programmi u/jew ta’ azzjonijiet tal-UE (dawk li kienu l-linji “BA”), riċerka indiretta, riċerka diretta.

3.2.3.2. Rekwiżiti stmati tar-riżorsi umani

☐ Il-proposta/l-inizjattiva ma teħtieġx l-użu tar-riżorsi umani.

X Il-proposta/l-inizjattiva teħtieġ l-użu ta' riżorsi umani, kif spjegat hawn taħt:*

*L-istima li trid tingħata f'unitajiet ekwivalenti għal full time)*

| | Sena **N** | Sena **N+1** | Sena **N+2** |
|---|---|---|---|
| | 2018 | 2019 | 2020 |
| **• Il-pożizzjonijiet fil-pjan ta' stabbiliment (uffiċjali u aġenti temporanji)** | | | |
| 23 01 01 01 (Il-Kwartieri Ġenerali u l-Uffiċċji ta' Rappreżentanza tal-Kummissjoni) | 7 | 12 | 16 |
| XX 01 01 02 (Delegazzjonijiet) | | | |
| XX 01 05 01 (Riċerka indiretta) | | | |
| 10 01 05 01 (Riċerka diretta) | | | |
| **• Persunal estern (f'unità Ekwivalenti ta' Full Time: EFT)**[28] | | | |
| 23 01 02 01 (CA, INT, SNE mill-"pakkett globali") | 10 | 24 | 31 |
| XX 01 02 02 (CA, INT, JED, LA u SNE fid-delegazzjonijiet) | | | |
| **XX** 01 04 ***yy***[29] - fil-Kwartieri Ġenerali[30] | | | |
| - fid-delegazzjonijiet | | | |
| **XX** 01 05 02 (CA, INT, SNE - Riċerka indiretta) | | | |
| 10 01 05 02 (CA, INT, SNE - Riċerka diretta) | | | |
| Linji baġitarji oħra (speċifika) | | | |
| **TOTAL** | **17** | **36** | **47** |

** Dawn iċ-ċifri jistgħu jiġu kkumplimentati bi 15-il FTE addizzjonali li jiġu pprovduti mir-riallokazzjoni minn DĠs oħra wara "sejħa għal espressjoni ta' interess".*

**XX** huwa l-qasam ta' politika jew it-titolu baġitarju kkonċernat.

Ir-riżorsi umani meħtieġa se jiġu ssodisfati minn persunal tad-DĠ li huwa diġà assenjat għall-ġestjoni tal-azzjoni u/jew li ġie stazzjonat mill-ġdid fid-DĠ, flimkien ma', jekk ikun hemm bżonn, kwalunkwe allokazzjoni addizzjonali li tista' tingħata lid-DĠ tat-tmexxija skont il-proċedura ta' allokazzjoni annwali u fid-dawl tal-limitazzjonijiet baġitarji.

[28] CA= Aġent Kuntrattwali; INT = persunal tal-aġenziji ("*Intérimaire")*; JED = "*Jeune Expert en Délégation"* (Espert Żagħżugħ fid-Delegazzjonijiet); AL = Aġent Lokali; SNE = Espert Nazzjonali Sekondat;

[29] Anqas mil-limitu massimu għall-persunal estern mill-approprjazzjonijiet operattivi (dawk li kienu l-linji "BA").

[30] Essenzjalment għall-Fondi Strutturali, għall-Fond Agrikolu Ewropew għall-Iżvilupp Rurali (FAEŻR) u għall-Fond Ewropew għas-Sajd (FES).

Deskrizzjoni tal-kompiti li għandhom jitwettqu:

| | |
|---|---|
| Uffiċjali u persunal temporanju | Il-persunal addizzjonali mitlub għall-perjodu ta' bejn l-2018 u l-2020 huwa meħtieġ li jwettaq il-kompiti li ġejjin: a) jiżviluppa u jmexxi l-kapaċità tar-RescEU li tkun għadha kemm inħolqot; b) jirrinforza r-Riżerva Volontarja; c) jappoġġa l-unitajiet ta' politika, inkluż l-attivitajiet ta' prevenzjoni; d) jiżviluppa l-kunċett tal-akkademja Ewropea għall-protezzjoni ċivili; u e) jiżgura l-attivitajiet ta' ġestjoni u appoġġ.<br>Il-biċċa l-kbira miż-żieda fil-persunal se tkun iddedikata għall-iżvilupp tar-RescEU, it-twettiq ta' kompiti bħall-immaniġġjar tal-akkwiżizzjoni u/jew il-lokazzjoni ta' assi (kuntratti), l-immaniġġjar tal-assi, il-monitoraġġ u l-koordinazzjoni ta' kompiti, kif ukoll il-kompiti ta' komunikazzjoni. |
| Persunal estern | L-iżgurar tat-tmexxija taċ-Ċentru għal Rispons ta' Emerġenza 24/7; il-ħidma neċessarja fuq il-post; l-appoġġ amministrattiv. |

3.2.4. Kompatibbiltà mal-qafas finanzjarju pluriennali attwali

☐ Il-proposta/l-inizjattiva hija kompatibbli mal-qafas finanzjarju pluriennali attwali.

X Il-proposta/l-inizjattiva se teħtieġ programmar mill-ġdid tal-intestatura rilevanti fil-qafas finanzjarju pluriennali. L-ammonti li ġejjin se jiġu riallokati:

| | intestatura 3 | 2018 | 2019 | 2020 | total |
|---|---|---|---|---|---|
| | Drittijiet, ugwaljanza u ċittadinanza | | | | |
| 33.0201 | Żgurar tal-protezzjoni tad-drittijiet u l-awtonomizzar taċ-ċittadini | | 1,34 | 1,55 | 2,89 |
| 33.0202 | Promozzjoni tan-nondiskriminazzjoni u l-ugwaljanza | | 0,98 | 1,22 | 2,2 |
| | Ġustizzja | | | | |
| 33.0301 | Is-sostenn u l-promozzjoni tat-tħarriġ ġudizzjarju | | 4,93 | 5,25 | 10,18 |
| 33.0302 | L-iffaċilitar u s-sostenn tal-kooperazzjoni ġudizzjarja f'materji ċivili u kriminali | | 4,77 | 5,02 | 9,79 |
| | **total tal-intestatura 3** | | **12,02** | **13,04** | **25,06** |
| | **intestatura 4** | 2018 | 2019 | 2020 | total |
| 21.020703 | L-Iżvilupp tal-bniedem (DCI) | 2,00 | | | 2,00 |
| 22.020302 | Sostenn lit-Turkija - Żvilupp ekonomiku, soċjali u territorjali u allinjament progressiv relatat mal-acquis tal-Unjoni (IPA II - it-Turkija) | | 2,00 | 2,28 | 4,284 |
| | **total tal-intestatura 4** | **2,00** | **2,00** | **2,28** | **6,284** |

X Il-proposta/l-inizjattiva tirrikjedi applikazzjoni tal-istrument ta' flessibbiltà.

| | 2018 | 2019 | 2020 |
|---|---|---|---|
| L-użu tal-istrument ta' flessibbiltà | 19,157 | 103,18 | 109,457 |

3.2.5. Il-kontribuzzjonijiet ta' partijiet terzi

Il-proposta/l-inizjattiva ma tipprevedix il-kofinanzjament minn partijiet terzi.

Il-proposta/l-inizjattiva tipprevedi l-kofinanzjament stmat hawn taħt:

Approprjazzjonijiet f'miljuni ta' EUR (sa tliet ċifri wara l-punt deċimali)

| | Sena **N** | Sena **N+1** | Sena **N+2** | Sena **N+3** | Daħħal is-snin kollha li jkunu meħtieġa biex turi kemm idum l-impatt (ara l-punt 1.6) | | | Total |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| Speċifika l-korp ta' kofinanzjament | | | | | | | | |
| Approprjazzjonijiet TOTALI kofinanzjati | | | | | | | | |

3.3. L-impatt stmat fuq id-dħul

X Il-proposta/l-inizjattiva ma għandha l-ebda impatt finanzjarju fuq id-dħul.

☐ Il-proposta/l-inizjattiva għandha l-impatt finanzjarju li ġej:

- ☐ fuq ir-riżorsi proprji
- ☐ fuq id-dħul mixxellanju

Miljuni ta' EUR (sa tliet punti deċimali)

| Linja baġitarja tad-dħul: | Approprjazzjonijiet disponibbli għas-sena finanzjarja attwali | Impatt tal-proposta/l-inizjattiva[31] | | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| | | Sena **N** | Sena **N+1** | Sena **N+2** | Sen **N+3** | Daħħal is-snin kollha li jkunu meħtieġa biex turi kemm idum l-impatt (ara l-punt 1.6) | | |
| Artikolu …………. | | | | | | | | |

Għad-dħul mixxellanju "assenjat", speċifika l-linja/i baġitarja/i tan-nefqa affettwata/i.

[…]

Speċifika l-metodu għall-kalkolu tal-impatt fuq id-dħul.

[…]

[31] Fir-rigward ta' riżorsi proprji tradizzjonali (dazji doganali, imposti fuq iz-zokkor), l-ammonti indikati jridu jkunu ammonti netti, jiġifieri ammonti gross wara tnaqqis ta' 25 % għall-ispejjeż tal-ġbir.